IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**MEMORANDUM**

Is-sitwazzjoni fl-1 ta' Lulju 2022

# Mistoqsijiet u Tweġibiet - id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit mill-31 ta' Diċembru 2020 'l quddiem, kif inhu stipulat fil-Parti Tnejn tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

Dan id-dokument jiffoka fuq is-sitwazzjoni legali kif kienet tapplika mill-1 ta' Jannar 2021. Dan ġie aġġornat biex jirrifletti li l-perjodu ta' grazzja *(l-iskadenza għall-applikazzjonijiet għal status ġdid skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ*) intemm.

Id-deskrizzjoni tal-liġijiet tar-Renju Unit u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huma bbażati fuq l-informazzjoni li għandna f'idejna bħalissa.

## Werrej


1. Perjodu ta' tranżizzjoni ..... 2
2. Min hu protett bil-Ftehim dwar il-Ħruġ? ..... 3
- *Il-kundizzjonijiet tar-residenza f'aktar dettall* ..... 5
- *Ir-regoli dwar l-assenzi* ..... 9
- *Każijiet speċifiċi* ..... 10
3. Membri tal-familja ..... 12
4. Id-drittijiet ta' residenza ..... 18
- *Governanza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ* ..... 21
5. Regoli tad-dħul u tal-ħruġ ..... 24
6. Kriminalità u abbuż ..... 26
7. Proċeduri amministrattivi ..... 28
- *Applikazzjonijiet li jaslu tard* ..... 35
8. Kwalifiki professjonali ..... 40
- *Kwalifiki professjonali skont il-liġi attwali tal-UE* ..... 40
- *Kwalifiki professjonali skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ* ..... 41
9. Sigurtà soċjali ..... 44
10. Links utli ..... 52

# 1. <u>Perjodu ta’ tranżizzjoni</u>

## 1.1. Perjodu ta' tranżizzjoni x’kien dan il-perjodu u kif affettwa d-drittijiet taċ-ċittadini?

Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta’ Jannar 2020.

Madankollu, iż-żewġ partijiet ftiehmu dwar perjodu ta’ tranżizzjoni bejn l-1 ta’ Frar 2020 u l-31 ta’ Diċembru 2020. Matul il-Perjodu ta’ Tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma baqax Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ma baqax jipparteċipa fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Minkejja dan, il-liġi tal-UE fl-oqsma kollha ta’ politika baqgħu japplikaw għar-Renju Unit u fih. Ir-Renju Unit baqa’ fl-Unjoni Doganali tal-UE u fis-Suq Uniku bl-erba’ libertajiet tiegħu.

Għaldaqstant, <u>il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE</u> baqgħet tapplika bis-sħiħ matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni (*jew 'il-perjodu ta’ implimentazzjoni'*) minkejja li r-Renju Unit ma kienx għadu Stat Membru tal-UE.

Dan ifisser li ċ-ċittadini tal-UE setgħu jibbenefikaw mid-drittijiet tal-UE dwar il-moviment liberu tagħhom fir-Renju Unit sa tmiem l-2020.

## 1.2. Il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE għadha tapplika fir-Renju Unit?

Le, <u>il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE</u> waqfet tapplika fil-31 ta’ Diċembru 2020 fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit u taċ-ċittadini tar-Renju Unit fl-UE.

## 1.3. Dawk li waslu fir-Renju Unit matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni ġew trattati bl-istess mod bħal dawk li waslu qabel l-1 ta’ Frar 2020?

Iva. Ibbenefikaw eżattament mill-istess drittijiet skont <u>il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE</u> bħal dawk li waslu fir-Renju Unit qabel ma’ ħareġ mill-UE. Id-drittijiet tagħhom kienu soġġetti wkoll għall-istess restrizzjonijiet u limitazzjonijiet.

# 2. Min hu protett bil-Ftehim dwar il-Ħruġ?

## 2.1. Min huwa kopert bil-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-Renju Unit?

Biex jibbenefikaw mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom imsemmija fil-Ftehim dwar il-Ħruġ kellhom ikunu residenti legali fir-Renju Unit f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2020, meta ntemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma kienx jirrikjedi preżenza fiżika fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni – kienu aċċettati kemm assenzi temporanji li ma jaffettwawx id-dritt tar-residenza kif ukoll assenzi iktar fit-tul li ma jaffettwawx id-dritt ta' residenza permanenti. Għal aktar dettalji dwar l-assenzi, ara hawn taħt.

Kien biżżejjed li persuna tkun residenti legali fir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020. Anki jekk ċittadin tal-UE ma kienx residenti fir-Renju Unit għal xi perjodu ta' żmien qabel il-31 ta' Diċembru - kien biżżejjed li jasal dakinhar.

Biex ikunu jistgħu jirrisjedu, iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom kellhom ikunu residenti legali wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Essenzjalment, il-kundizzjonijiet sostantivi tar-residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ huma l-istess bħal dawk skont il-liġi tal-UE.

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet, iridu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Jekk ma ssirx applikazzjoni fil-ħin jista' jkun li jintilef kull intitolament skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Il-kundizzjonijiet biex jinkiseb l-*istatus* ta' residenza ġdid skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jenħtieġ li jirriflettu l-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu *(l-Artikoli 6 u 7 jikkonferixxu d-dritt ta' residenza sa perjodu ta' ħames snin lil dawk li jaħdmu jew li għandhom riżorsi finanzjarji biżżejjed u assikurazzjoni tal-mard. L-Artikoli 16 – 18 jikkonferixxu d-dritt ta' residenza permanenti lil dawk li jkunu rrisjedew legalment għal ħames snin).*

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom iridu japplikaw għal *status* ta' residenza skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Għall-finijiet tal-għoti ta' *status* ta' residenza skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, ir-Renju Unit iddeċieda li ma jivvalutax jekk l-applikanti għal *status* ta' residenza jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li huma stipulati fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Ir-Renju Unit jagħti informazzjoni dettaljata dwar l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE fuq https://www.gov.uk/settled-status-eu-citizens-families.

## 2.2. Fil-qosor, x'inhuwa meħtieġ biex persuna tirrisjedi fir-Renju Unit?

Tliet affarijiet! Biex ikunu eliġibbli li jirrisjedu, iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jeħtieġ li:

1) ikollhom id-dritt ta' residenza fir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità mal-liġi tal-UE;
2) jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet tar-residenza wara l-31 ta' Diċembru 2020; kif ukoll
3) japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja.

## 2.3. X'inhuwa l-perjodu ta' grazzja?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom li kienu residenti fir-Renju Unit f'konformità mal-liġi tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2020

Ma għandhomx għalfejn japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li huma jkollhom mill-anqas sitt xhur oħra biex jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom.

Dan il-perjodu ta' wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u qabel l-iskadenza tal-applikazzjoni jissejjaħ il-perjodu ta' grazzja. Il-liġijiet domestiċi tar-Renju Unit iffissaw din l-iskadenza tal-applikazzjoni għat-30 ta' Ġunju 2021.

Matul il-perjodu ta' grazzja, iċ-ċittadini protetti tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom (dawk li kienu jirrisjedu fir-Renju Unit f'konformità mal-liġi tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2020) igawdu mid-dritt ta' residenza li jitqies li jeżisti (l-hekk imsejħa finzjoni ġuridika). Dan ma jistax jittiħdilhom, ħlief jekk jikkommettu reat.

L-applikazzjonijiet għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE wara li jintemm il-perjodu ta' grazzja jistgħu ma jiġux ikkunsidrati. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 2.4. Il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE xi tkopri?

Skont il-liġi tal-UE, iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom igawdu mid-dritt ta' residenza fl-Istati Membri kollha għajr f'dak li jkunu ċittadini tiegħu skont diversi strumenti tal-liġi tal-UE:

a) it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea nnifsu (l-Artikoli 21, 45, 49 jew 56);
b) id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu;

c) ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema.

Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, regoli dettaljati applikabbli għaċ-ċittadini mobbli tal-UE jinsabu fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Dan għandu jkun il-punt ta' tluq tiegħek biex titgħallem iktar dwar:

- id-drittijiet tiegħek u dak li inti intitolat għalih;
- id-drittijiet tal-membri tal-familja tiegħek;
- il-kundizzjonijiet marbutin mad-dritt ta' residenza;
- il-proċeduri amministrattivi; kif ukoll
- is-salvagwardji li jipproteġu d-dritt ta' residenza.

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jirrisjedu fir-Renju Unit u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-liġi tal-UE qabel u wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni huma protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

- *Il-kundizzjonijiet tar-residenza f'aktar dettall*

### 2.5. Jien Ċek u wasalt fir-Renju Unit fl-2017. Naħdem fi sptar lokali. Nista' nibqa' hawn wara l-31 ta' Diċembru 2020?

Iva. Jekk tibqa' taħdem (*jew jekk, pereżempju, tieqaf taħdem involontarjament f'konformità mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu, jew jekk tibda taħdem għal rasek, tkun student awtosuffiċjenti jew tkun qed tfittex xogħol*) tista' tibqa' fir-Renju Unit wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Għandek id-dritt li tibqa' tirrisjedi fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Biex iżżomm ir-residenza tiegħek, essenzjalment jeħtieġlek tikkonforma mal-istess kundizzjonijiet sostantivi li kienu applikabbli qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni permezz tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE..

Jeħtieġlek tippreżenta applikazzjoni lill-awtoritajiet tar-Renju Unit għal *status* ġdid fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Ladarba tkun għalaqt ħames snin ta' residenza legali fir-Renju Unit, tkun tista' tapplika biex l-*istatus* ta' residenza tiegħek fir-Renju Unit jiġi aġġornat biex ikun wieħed permanenti li joffri iktar drittijiet u protezzjoni aħjar. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 2.6. Jien Pollakk u ngħix u nistudja fir-Renju Unit. Hemm bżonn li nibda naħdem biex nibqa' ngawdi mid-drittijiet tiegħi hemm?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fir-Renju Unit f'konformità mal-kundizzjonijiet dwar id-dritt ta' residenza tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Essenzjalment, iċ-ċittadini tal-UE jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom; jew
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assikurazzjoni ta' mard; jew
- ikunu membri tal-familja ta' persuna oħra li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet; jew
- ikunu diġà kisbu d-dritt ta' residenza permanenti *(li ma tkun għadha suġġetta għall-ebda kundizzjoni).*

Biex tirrisjedi bħala studenta jeħtieġ li jkollok biżżejjed riżorsi u assikurazzjoni tal-mard. Huwa possibbli li wieħed jaqleb bejn il-kategoriji msemmija hawn fuq *(pereżempju biex tispiċċa l-istudji tiegħek biex tibda taħdem)*. Inti tibqa' tgawdi d-drittijiet tiegħek sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet għal tal-inqas kategorija waħda.

Innota li r-Renju Unit iddeċieda li jirrinunzja wħud minn dawn il-kundizzjonijiet u ma jirrikjedix liċ-ċittadini tal-UE jew lill-familji tagħhom li jgħixu fir-Renju Unit li jagħtu prova li jkunu ħaddiema jew li jkollhom assikurazzjoni tal-mard.

Madankollu, bħala prekundizzjoni biex iżżomm drittijietek, ikollok tapplika mal-awtoritajiet tar-Renju Unit għall-*istatus* il-ġdid tiegħek fir-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 2.7. Iċ-ċittadini tal-UE li jaslu fir-Renju Unit biex ifittxu xogħol numru ta' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni huma protetti b'xi mod?

Iva. Iċ-ċittadini tal-UE li jfittxu xogħol fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jkunu intitolati għal residenza ta' sitt xhur wara li jaslu *(jew aktar fit-tul jekk ikollhom ċans ġenwin li jsibu xogħol)*. Iridu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 2.8. Jien ċittadin Daniż. Wasalt fir-Renju Unit fl-2019 iżda ma sibtx xogħol. Bħalissa ma għandix flus. Nista' nibqa'?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fir-Renju Unit f'konformità mal-kundizzjonijiet dwar id-dritt ta' residenza tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Essenzjalment, iċ-ċittadini tal-UE jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom; jew
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assikurazzjoni ta' mard; jew
- ikunu membri tal-familja ta' ċittadin ieħor tal-UE li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet; jew

- ikunu diġà kisbu d-dritt ta' residenza permanenti *(li ma tkun għadha suġġetta għall-ebda kundizzjoni).*

Iċ-ċittadini tal-UE li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ma għandhom l-ebda dritt legali li jibqgħu fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u s-sitwazzjoni tagħhom tiddependi fuq il-liġi domestika tar-Renju Unit.

## 2.9. Ir-Renju Unit iddeċieda li jirrinunzja r-rekwiżit ta' assikurazzjoni tal-mard komprensiva. Dan xi jfisser?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi d-drittijiet kif kienu skont il-liġi tal-UE. L-assikurazzjoni tal-mard komprensiva hija ċarament rekwiżit għal residenza legali ta' persuni awtosuffiċjenti kif stabbilit fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu.

Ir-Renju Unit iddeċieda li ma jirrikjedix il-kundizzjoni li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom assikurazzjoni tal-mard komprensiva jew li jissodisfaw '*it-test tax-xogħol ġenwin*' għall-fini li jingħataw *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE.

## 2.10. Jien ċittadin Franċiż li ngħix Pariġi iżda nivvjaġġa lejn Londra biex naħdem. Nista' nibqa' naħdem fir-Renju Unit?

Iva. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi wkoll l-hekk imsejħa ħaddiema li jaħdmu bejn il-fruntieri. Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, ħaddiem bejn il-fruntieri huwa xi ħadd li jaħdem jew li jaħdem għal rasu f'pajjiż u jgħix f'pajjiż ieħor. Tista' tibqa' taħdem f'Londra filwaqt li tirrisjedi f'Pariġi. Trid tapplika mal-awtoritajiet tar-Renju Unit għal dokument ġdid li jiċċertifika li inti ħaddiem bejn il-fruntieri protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan id-dokument jagħmilha iktar faċli li tivvjaġġa lejn ir-Renju Unit, tkompli taħdem hemm u tirritorna lejn Franza.

## 2.11. Jien ċittadini tal-Unjoni Ewropea li fl-2017 nħariġli dokument ta' residenza permanenti fir-Renju Unit. X'inbidel għalija?

Trid tapplika għal *status* ta' residenza permanenti ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Madankollu, billi inti diġà ksibt dokument ta' residenza permanenti fir-Renju Unit skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, il-proċedura amministrattiva hija waħda sempliċi. Trid tippreżenta biss passaport jew karta ta' identità validi, turi li ma qattajtx ħames snin barra mir-Renju Unit u tiddikjara kwalunkwe kundanna penali li tidher fuq ir-rekords tiegħek. Din il-proċedura ssir mingħajr ħlas u tingħata residenza permanenti fir-Renju Unit (imsejħa *status* 'ta' stabbilit').

## 2.12. Jien ġejt fir-Renju Unit minn Franza fl-1964 u żżewwiġt lir-raġel Brittaniku meraviljuż tiegħi. Ir-relazzjoni tagħna hija waħda soda. Nispera li ma għandi bżonn nagħmel xejn biex nibqa' hawn!

Jekk inti ċerta li għandek dritt permanenti li tirrisjedi skont il-liġijiet domestiċi tar-Renju Unit (Residenza Permanenti) u li dawn il-liġijiet mhumiex se jiġu emendati fil-ġejjieni, ma jkollokx bżonn tippreżenta applikazzjoni għal *status* ta' residenza ġdid skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Madankollu, tal-parir li tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dan jagħtik dritt b'saħħtu li tirrisjedi fir-Renju Unit li ma jkunx jista' jittiħidlek jekk isir tibdil fil-liġijiet tar-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 2.13. Jien ċittadin Malti. Fl-2018 wasalt fir-Renju Unit biex naħdem fil-kostruzzjoni. Sfortunatament, riċentement kelli aċċident fil-post tax-xogħol u ninsab b'diżabbiltà permanenti. Nispera li ma jkollix nitlaq!

Dan mhux il-każ. Dawk li kellhom jieqfu jaħdmu bħala riżultat ta' diżabbiltà permanenti minħabba inċident fil-post tax-xogħol jiksbu dritt ta' residenza permanenti skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Dan id-dritt jiġi protett wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Trid tapplika għal *status* ta' residenza permanenti ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 2.14. Jien Netherlandiż u ilni naħdem fir-Renju Unit mill-1995. Qed nippjana li nirtira fis-snin li ġejjin. Qed infittex parir dwar jekk inkunx nista' nibqa' wara li nirtira.

Iva. Bħala persuna li kellha r-residenza tagħha u ħadmet fir-Renju Unit għal tal-anqas ħames snin, inti diġà ksibt dritt ta' residenza permanenti li ma għadu soġġett għall-ebda kundizzjoni *(bħal dik li trid tkompli taħdem).* Madankollu, trid tapplika għal *status* ta' residenza permanenti ġdid skont il-liġi tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

- *Ir-regoli dwar l-assenzi*

**2.15. Jien mill-Greċja u ġejt ir-Renju Unit fl-2018 biex nistudja. Fl-2020 studjajt l-Italja fl-Erasmus+ għal ħames xhur u mbagħad irritornajt fl-università tiegħi fir-Renju Unit. Nispera li dan iċ-ċaqliq ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq ir-residenza tiegħi fir-Renju Unit!**

Ma għandu l-ebda impatt fuq id-drittijiet tiegħek fir-Renju Unit. Il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE tgħid li perjodu ta' assenza ta' inqas minn sitt xhur f'sena ma jaffettwax il-kontinwità ta' residenza. Dawn is-salvagwardji huma wkoll inklużi fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.

**2.16. Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ nista' nkun assenti għal perjodu sa sitt xhur kull sena mingħajr ma nipperikola l-*istatus* ta' residenza tiegħi fir-Renju Unit. Xi tfisser 'sitt xhur kull sena'?**

Ir-regola ta' 'sitt xhur kull sena' li tinsab fil-Ftehim dwar il-Ħruġ ittenni l-istess regola li tinsab fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Din għandha l-istess interpretazzjoni. Skont id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu tal-UE ċittadini jista' jkun assenti għal perjodi li ma jaqbżux it-total ta' sitt xhur matul kull sena. Kull sena tibda fl-anniversarju tad-data meta ċ-ċittadin tal-UE jkun beda r-residenza tiegħu fil-pajjiż ospitanti.

**2.17. Bħala ċittadina Finlandiż, fl-2010 ksibt id-dritt ta' residenza permanenti fir-Renju Unit bis-saħħa tal-liġijiet dwar il-moviment liberu tal-UE. Jien tlaqt mir-Renju Unit f'Marzu 2017 biex nistudja fl-Iżvezja. Biex ma nitlifx id-drittijiet tiegħi hemmhekk irrid immur lura fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni?**

Le. Billi kellek residenza permanenti fir-Renju Unit qabel it-tluq tiegħek, inti koperta mill-Ftehim dwar il-Ħruġ jekk tirritorna fi żmien ħames snin mit-tluq tiegħek *(jiġifieri qabel Marzu 2022)* Madankollu, jista' jkollok tapplika sabiex tikseb *status* ta' residenza permanenti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Applikazzjoni bħal din jenħtieġ li ssir qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

**2.18. Jiena rreġistrajt fl-Università ta' Manchester u nibda l-istudji tiegħi fis-sena akkademika 2020/2021. Sfortunatament, ma nistax nivvjaġġa fiżikament lejn ir-Renju Unit minħabba r-**

**restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-coronavirus. Nattendi l-istudji tiegħi mill-bogħod. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġini?**

Sfortunatament, huma biss iċ-ċittadini tal-UE li jkunu waslu fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni li huma garantiti l-protezzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Ir-Renju Unit jista' jkun aktar flessibbli u jqis iċ-ċirkostanzi straordinarji kollha.

### 2.19. Jien wasalt fir-Renju Unit eżatt qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda kelli nitlaq ftit ta' żmien wara biex nieħu ħsieb kwistjoni familjari importanti. Għadni protett?

Iva, importanti li wasalt fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Ladarba tkun preżenti fir-Renju Unit skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, tista' tkun assenti sa sitt xhur tkun xi tkun ir-raġuni (jew għal perjodu itwal, f'ċerti każi) mingħajr ebda impatt fuq id-drittijiet tiegħek. Madankollu, jista' jkollok tapplika sabiex tikseb *status* ta' residenza permanenti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Applikazzjoni bħal din jenħtieġ li ssir qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

- *Każijiet speċifiċi*

### 2.20. Fl-2006 jien ġejt ir-Renju Unit biex naħdem bis-saħħa tan-nazzjonalità Slovakka tiegħi. Dan l-aħħar, ksibt iċ-ċittadinanza Brittanika. Bħala ċittadin Slovakk/Brittaniku, x'se jkun l-*istatus* tiegħi?

Iċ-ċittadinanza Brittanika tiegħek tagħtik dritt ta' residenza mingħajr kundizzjonijiet fir-Renju Unit. Sa min-naturalizzazzjoni tiegħek, ir-residenza tiegħek fir-Renju Unit ma għadhiex taqa' taħt id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Min-naħa l-oħra, billi r-residenza tiegħek kienet skont il-liġi dwar il-moviment liberu tal-UE bis-saħħa tan-nazzjonalità Slovakka tiegħek, dan jiżgura inti tkompli tkun kopert mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

In-nazzjonalità Brittanika tiegħek tagħtik dritt indefinit li tirrisjedi fir-Renju Unit u tista' tiddependi wkoll fuq il-Ftehim dwar il-Ħruġ, pereżempju, għad-dritt tiegħek tar-riunifikazzjoni tal-familja.

### 2.21. Jien Portugiż u ġejt ir-Renju Unit ħafna snin ilu biex ningħaqad ma' marti li hi Brittanika. Marti għandha diżabbiltà u jien nieħu ħsiebha u nassistiha full-time. Jidhirli li r-residenza tiegħi fir-

**Renju Unit hija legali iżda ninsab inkwetat għax ma nafx jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġinix jew le.**

Huma biss dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu jirrisjedu fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet li l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE torbot mad-dritt ta' residenza, li huma garantiti li jiġu protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tar-residenza bħala ċittadini awtosuffiċjenti tal-UE, id-dritt tiegħek ta' soġġorn wara l-perjodu ta' tranżizzjoni huwa protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

### 2.22. Jien Taljan u ili mill-2011 ngħix mal-familja Brażiljana tiegħi fir-Renju Unit. Jien nifhem li d-dritt tiegħi li nibqa' fir-Renju Unit ikun protett – iżda xi jsir mid-dritt li nirritorna l-Italja mal-familja tiegħi, fuq il-bażi tal-każistika Surinder Singh tal-Qorti tal-Ġustizzja?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi d-drittijiet ta' dawk li għamlu użu mill-moviment liberu tagħhom u jgħixu fi stat ieħor li mhux dak tan-nazzjonalità tagħhom. Ma jipproteġix lil dawk li jgħixu fl-istat tan-nazzjonalità tagħhom, irrelevanti minn jekk irritornawx f'pajjiżhom qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jew wara l-perjodu ta' tranżizzjoni.

Madankollu, il-linja tal-każistika *Surinder Singh* tapplika għalik għaliex int se tirritorna lejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħek wara li eżerċitajt id-dritt tiegħek li tivvjaġġa u tirrisjedi b'mod liberu fi Stat Membru tal-UE ieħor. Ma jimportax li sadanittant il-pajjiż tar-residenza tiegħek ħareġ mill-UE.

Id-dritt tiegħek li tibqa' fir-Renju Unit ikun protett biss jekk tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Wara li tirritorna l-Italja, jekk ma tersaqx lejn ir-Renju Unit għal aktar minn ħames snin, titlef id-drittijiet tiegħek skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, kif ukoll id-drittijiet ta' residenza tiegħek fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 2.23. Jien Messikan u ngħix fir-Renju Unit mat-tifla tiegħi Brittanika ta' ħames snin bħala l-kustodju primarju tagħha skont l-hekk imsejħa regola Ruiz Zambrano. Nista' nibqa' fir-Renju Unit?

Huma biss dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu jirrisjedu fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet li l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE torbot mad-dritt ta' residenza, li huma garantiti li jiġu protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Dawk li jgħixu fir-Renju Unit esklużivament fuq il-bażi taċ-ċittadinanza tal-UE tal-membri tal-familja Brittaniċi tagħhom ma jaqgħux taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-liġi domestika fis-seħħ

bħalissa tippermetti lil tali persuni jiksbu *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Nirrikomandawlek li tieħu parir legali.

## 3. Membri tal-familja

### 3.1. Jien Portuġiż u missieri, li huwa Portugiż ukoll, jaħdem fir-Renju Unit. Jien ngħix miegħu u nattendi skola primarja lokali. Nista' nibqa' fir-Renju Unit?

Iva. Għandek id-dritt tibqa' fir-Renju Unit ma' missierek. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li l-membri kollha tal-familja, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li kienu qed jgħixu f'post legalment fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ma' ċittadin tal-UE fir-Renju Unit jistgħu jibqgħu bl-istess kundizzjonijiet li eżistew qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Trid taċċerta ruħek li tapplika, jew li missierek japplika f'ismek, għal *status* ta' residenza ġdid qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 3.2. Jien Koreana. Ġejt fir-Renju Unit biex ngħix ma' żewġi Latvjan iżda ż-żwieġ jinsab f'diffikultà dan l-aħħar. Irrid napplika għal divorzju iżda nħossni inkwetata dwar x'se jfisser għad-dritt tiegħi ta' residenza.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jirreplika l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE li, skont ċerti kundizzjonijiet, diġà jipproteġi konjugi mhux mill-UE li jiddivorzjaw minn ma' ċittadin tal-UE. Jekk kont ilek miżżewweġ minn tal-anqas tliet snin qabel id-divorzju u għext fir-Renju Unit tal-anqas sena waħda qabel il-bidu tal-proċedimenti tad-divorzju, tista' tkompli tgħix fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dment li tapplika għal *status* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit. Ladarba d-divorzju tiegħek jiġi finalizzat, hemm kundizzjonijiet li l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE torbot mad-dritt ta' residenza, bħallikieku kont ċittadin tal-UE inti stess.

Fi kwalunkwe ċirkostanza, trid japplika u tirċievi *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Jekk ma jkollokx ħames snin ta' residenza legali kontinwa fir-Renju Unit, tingħata permess limitat li tibqa' fir-Renju Unit (imsejjaħ *status* 'li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit'). Ladarba takkumula ħames snin ta' residenza legali kontinwa fir-Renju Unit, tkun tista' tapplika għal *status* ta' residenza permanenti fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 3.3. Jien ngħix u naħdem fir-Renju Unit mas-sieħeb/sieħba Slovakk/Slovakka tiegħi. Qed nippjanaw li jkollna tarbija

**dalwaqt. Kien ikun aħjar li kieku għaġġilna l-pjanijiet tagħna u jkollna t-tarbija qabel jispiċċa l-perjodu ta' tranżizzjoni?**

Ma hemmx għaġġla. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li t-tfal imwielda lil familji tal-UE li joqogħdu fir-Renju Unit qabel jew wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu. Tinsiex tapplika għal *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. It-tarbija tiegħek tista' tkun Brittanika mit-twelid, iżda jkollok ukoll tapplika għal *status* ta' residenza ġdid għat-tarbija tiegħek fi żmien tliet xhur mit-twelid tagħha. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 3.4. Jien Russu u ngħix fir-Renju Unit mal-konjuġi Rumen tiegħi. Fl-2018 ingħatajt karta ta' residenza tal-UE. Nista' nibqa' fir-Renju Unit?

Iva, tista' tibqa'. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li kienu qed jgħixu b'mod legali ma' ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Huma jistgħu jirrisjedu iżda jridu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 3.5. Jien Ġermaniż u ngħix fir-Renju Unit mal-wild li adottajt. Nistgħu nibqgħu ngħixu flimkien?

Iva, tistgħu. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li kienu qed jgħixu b'mod legali ma' ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Tfal adottati jiġu trattati bl-istess mod bħal tfal bijoloġiċi. Madankollu, trid tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE għalik u għall-wild tiegħek (dment li l-wild tiegħek huwa Brittaniku) qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 3.6. Għal tfal imwielda wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jeħtieġ li l-ġenitur li jgħix fl-Istat ospitanti jkollu l-kustodja tal-wild. Jipproteġi biss koppji divorzjati?

Le. Il-kustodja hija definita b'mod wiesa' ħafna fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Tinkludi d-drittijiet ta' kustodja akkwistati mit-tħaddim tal-liġi, minn sentenza tal-qorti kif ukoll minn ftehim bejn il-ġenituri.

## 3.7. Bosta snin ilu, applikajt mal-awtoritajiet tar-Renju Unit biex inkun nista' ningħaqad mal-kuġin Żvediż tiegħi li tgħix

**f'Edinburgh għax kont finanzjarjament dipendenti fuqha. L-awtoritajiet tar-Renju Unit aċċettaw dan u ħarġuli karta ta' residenza tal-UE. Issa x’se jiġri minni?**

Tista’ tibqa’. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li kienu qed jgħixu b’mod legali ma’ ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta’ tranżizzjoni. Tista’ tibqa’ iżda trid tapplika għal *status* ta’ residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta’ stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta’ grazzja. Il-liġijiet tar-Renju Unit jirrikjedu li l-karta tiegħek ta’ residenza tal-UE tkun valida meta tapplika skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta’ stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 3.8. Riċentement, ingħatajt viża tad-dħul biex ningħaqad maz-zija Ungeriża tiegħi li tgħix fir-Renju Unit. Iz-zija qed ittini appoġġ finanzjarju wara li mietu l-ġenituri tiegħi. Wasalt fir-Renju Unit iżda l-applikazzjoni tiegħi għal residenza kienet għadha pendenti fit-tmiem tal-perjodu ta’ tranżizzjoni. X’se jiġri minni?

F'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, l-applikazzjoni tiegħek tiġi deċiża skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Renju Unit u r-residenza tiegħek għandha tiġi ffaċilitata. Jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit jiddeċiedu li jagħtuk permess ta’ residenza, inti se tkun kopert mill-Ftehim dwar il-Ħruġ u tkun tista’ tapplika għal *status* ta’ residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta’ stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta’ grazzja. Kull rifjut irid ikun kompletament ġustifikat u jkun soġġett għal appell. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 3.9. Jien is-sieħeb ta’ ċittadina Bulgara li tgħix fir-Renju Unit imma m'aħniex miżżewġin. Qed nippjana li mmur ħdejh iżda mhux qabel erba’ snin oħra minħabba impenji tax-xogħol eżistenti f’pajjiżi, il-Kanada. Se nkun nista’ ningħaqad miegħu hemm?

Iva. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi lis-sħab li kienu f’relazzjoni fit-tul ma’ ċittadin tal-UE fi tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni iżda ma kinux qed jgħixu mas-sieħeb fir-Renju Unit. Tkun tista’ tingħaqad mas-sieħeb tiegħek fir-Renju Unit, dment li tkun għadek f’relazzjoni fit-tul miegħu meta tfittex li tiġi r-Renju Unit u huwa jkun kiseb l-*istatus* ta’ residenza ġdid tar-Renju Unit, li għandu japplika għalih qabel ma jintemm il-perjodu ta’ grazzja. Inti jkollok tapplika għal *status* ta’ residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta’ stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE fi żmien tliet xhur mill-wasla tiegħek fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

Ir-rekwiżit tat-tul tar-relazzjoni tiegħek irid jiġi vvalutat fid-dawl tal-objettiv li tinżamm l-unità tal-familja f'sens wiesa'. Ir-regoli nazzjonali jirreferu għal-perjodu ta' żmien minimu bħala kriterju dwar jekk relazzjoni tkunx tista' titqies bħala waħda fit-tul. Madankollu, f'dan il-każ ir-regoli nazzjonali jridu jiżguraw li jitqiesu aspetti rilevanti oħra (bħal pereżempju self ipotekarju konġunt biex tinxtara dar).

### 3.10. Jien in-neputi ta' ċittadin Ċek li jgħix fir-Renju Unit. Qed nippjana li ningħaqad miegħu hemm iżda mhux qabel erba' snin oħra minħabba impenji ta' studju eżistenti f'pajjiżi. Se nkun nista' ningħaqad miegħu hemm?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jipproteġix lill-membri tal-familja estiża ta' ċittadini tal-UE *(minbarra dawk fi sħubijiet b'saħħithom u dejjiema)* li ma kinux qed jgħixu mal-qarib tagħhom fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Jekk tixtieq tingħaqad mal-qarib tiegħek fir-Renju Unit, trid tikkwalifika skont il-liġi tal-immigrazzjoni tar-Renju Unit, li jista' ma jkunx possibbli billi dan se jiddependi fuq ir-regoli li jkunu fis-seħħ fil-mument meta tkun se tingħaqad magħhom.

### 3.11. Jien student Daniż f'Cardiff. Marti tgħix barra, flimkien mat-tarbija ċkejkna tagħna. Jixtiequ jingħaqdu miegħi ladarba nlesti l-istudju u nsib xogħol. Ikunu jistgħu jagħmlu dan?

Huma jkunu jistgħu jingħaqdu miegħek, anki wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi mhux biss dawk il-membri tal-familja immedjata li kienu qed jgħixu legalment ma' ċittadin tal-UE fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, iżda wkoll lil dawk il-membri tal-familja fil-qrib li kienu relatati ma' ċittadin tal-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda ma kinux qed jgħixu fir-Renju Unit. Ikunu jistgħu jingħaqdu miegħek, dment li tkun għadek miżżewweġ ma' martek meta hija tiddeċiedi li tiġi fir-Renju Unit u inti tkun ksibt l-*istatus* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit, li għandek tapplika għalih qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Martek u l-wild tiegħek ikollhom japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE fi żmien tliet xhur mill-wasla tagħhom fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jeħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 3.12. Jien ngħix u naħdem fir-Renju Unit. Bħala ċittadin tal-UE, għandi *status* ta' residenza skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Jien persuna mhux miżżewġa iżda nittama li xi darba niżżewweġ. Il-konjuġi futur tiegħi se jkun jista' jingħaqad/se tkun tista' tingħaqad miegħi fir-Renju Unit? U jekk ikollna tarbija?

Il-konjuġi futur tiegħek ma jkunx jista' jingħaqad miegħek skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ billi ma jipproteġix lil dawk li jiżżewġu ċittadin tal-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Kull konjuġi futur bħal dan ikollu jikkonforma mar-regoli tal-immigrazzjoni tar-Renju Unit.

Kull wild li jiġi fil-futur ikun jista' jingħaqad ma' ċittadin tal-UE li jkun residenti fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, jekk dak il-ġenitur ikollu l-kustodja legali tal-wild u jkun kiseb *status* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit, li ċ-ċittadin tal-UE jrid japplika għalih qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Inti jkollok tapplika wkoll għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE għall-wild tiegħek fi żmien tliet xhur mill-wasla tiegħu fir-Renju Unit jew minn meta jitwieled fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 3.13. Jien Arġentin u naħdem fir-Renju Unit fejn ngħix ma' ibni Kroat ta' sitt snin u binti Arġentina ta' sentejn. Nistgħu nibqgħu?

Kollha kemm intom tistgħu tibqgħu fir-Renju Unit dment li inti u ibnek il-Kroat tissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar ir-residenza legali u kollha kemm intom tkunu ksibtu *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, li għandek tapplika għaliha qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li mhumiex biss iċ-ċittadini tal-UE (jiġifieri l-wild tiegħek) li jistgħu jibqgħu fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iżda wkoll dak il-membri tal-familja li mhumiex mill-UE (jiġifieri inti u t-tifla tiegħek) li l-preżenza tagħhom hija meħtieġa sabiex id-dritt ta' residenza ta' ibnek mogħti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix miċħud.

### 3.14. Jien mill-Awstralja. Ngħix fir-Renju Unit bħala kustodju primarju tal-wild tiegħi Pollakk li qed jistudja hemmhekk. Is-sieħba Pollakka tiegħi li kienet taħdem fir-Renju Unit telqitna. Nista' nibqa'?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħtik id-dritt ta' residenza fir-Renju Unit sakemm ibnek itemm l-edukazzjoni tiegħu. Iżżomm dan id-dritt tal-anqas sakemm il-wild jilħaq l-età maġġuri, u possibilment wara sakemm ikun għad għandu bżonnok tkun hemm u tieħu ħsiebu biex ikompli jaħdem fuq l-istudji tiegħu. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiggarantilek l-ebda dritt li tirrisjedi b'mod

permanenti fir-Renju Unit iżda l-liġijiet tar-Renju Unit jistgħu jagħmlu dan. Madankollu, int u ibnek tridu tapplikaw għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 4. Id-drittijiet ta' residenza

### 4.1. Jien Ċiprijott u ngħix Londra ma' ommi li taħdem bħala inġiniera. Jien immur l-iskola iżda qed nittama li niftaħ ħanut tal-fjuri tiegħi. Se nkun nista' nibqa' u nibda naħdem ladarba nlesti l-iskola?

Iva. Mhux biss se tkun tista' tibqa' fir-Renju Unit, iżda żżomm ukoll l-għażliet kollha li l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE tagħti liċ-ċittadini tal-UE. Tkun tista' taħdem, tistudja, tmexxi negozju jew tibqa' d-dar u tieħu ħsieb il-membri tal-familja tiegħek. Id-drittijiet tiegħek ma jiġux affettwati ladarba tibda taħdem. Madankollu, trid tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 4.2. Jien mis-Slovenja. Wasalt fir-Renju Unit fl-2017 u ili naħdem għal rasi minn dan iż-żmien. Nista' nikseb residenza permanenti hawn u jekk iva, b'liema kundizzjonijiet?

Trid tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link. Billi kont residenti fir-Renju Unit għal anqas minn ħames snin, jenħtieġ li tirċievi l-permess limitat li tibqa' fir-Renju Unit (imsejjaħ *status* 'li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit'). Ladarba tagħlaq ħames snin ta' residenza kontinwa u legali fir-Renju Unit *(inkluż il-perjodi ta' residenza ta' qabel u wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni)*, se tkun tista' tapplika għal *status* ta' residenza permanenti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE (l-hemm imsejjaħ *status* 'ta' stabbilit').

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fir-Renju Unit f'konformità mal-kundizzjonijiet dwar id-dritt ta' residenza tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Essenzjalment, ir-residenza taċ-ċittadini tal-UE hija legali jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom; jew
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assikurazzjoni tal-mard (inklużi studenti); jew
- ikunu membri tal-familja ta' ċittadin tal-UE li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

### 4.3. Jien Finlandiż u għext fir-Renju Unit mal-ġenituri tiegħi għal disa' snin. It-tnejn li huma jaħdmu. Għandi drittijiet ta' residenza fir-Renju Unit?

Iva. Bħala persuna li għexet fir-Renju Unit tal-UE għal tal-anqas ħames snin, inti diġà ksibt dritt ta' residenza permanenti skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE li ma

għadu soġġett għall-ebda kundizzjoni *(bħal dik li trid tibqa' membru tal-familja)*. Id-dritt jiġi protett skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ dment li tikkonforma mar-rekwiżit li tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

### 4.4. Jien Estonjan u nistudja f'università fir-Renju Unit. Jekk kollox imur sew, l-istudji tiegħi nlestihom fl-2022. Inkun nista' nibqa' fir-Renju Unit u nfittex xogħol hawn?

Iva. Tista' tibqa' fir-Renju Unit dment li tapplika għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

Jekk fid-data tal-applikazzjoni ma jkollokx ħames snin ta' residenza legali kontinwa fir-Renju Unit, tingħata permess limitat li tibqa' fir-Renju Unit (imsejjaħ *status* 'li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit'). Wara ħames snin ta' residenza kontinwa fir-Renju Unit, tkun tista' tapplika għal darb'oħra għall-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE biex tikseb permess indefinit li tibqa' fir-Renju Unit (l-hekk imsejjaħ *status* 'ta' stabbilit').

Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu "jibdlu": l-istudenti jistgħu jibdew jaħdmu (u jsiru ħaddiema), il-ħaddiema jistgħu jirtiraw (u jsiru persuni awtosuffiċjenti), il-persuni awtosuffiċjenti jistgħu jibdew jaħdmu eċċ. Ma hemmx bżonn li ssir applikazzjoni oħra skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE.

### 4.5. Jien Malti u għandi residenza permanenti fir-Renju Unit fejn twelidt u trabbejt. L-istudji tiegħi tal-università jinsabu fi stadju avvanzat u diġà għandi offerta tajba ta' impjieg fis-Slovakkja. Qegħdin joffruli kuntratt ta' tliet snin iżda nibża' li jekk nitlaq mir-Renju Unit ma nkunx nista' niġi lura. Iċċarawli d-dubji tiegħi!

Ladarba applikajt u ksibt l-*istatus* permanenti ġdid tiegħek mill-awtoritajiet tar-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, tista' titlaq mir-Renju Unit għal massimu ta' ħames snin u mbagħad tirritorna mingħajr ma jiskadi dak l-*istatus*. Ir-regola ta' ħames snin fir-rigward tal-assenzi tipproteġi lil dawk iċ-ċittadini li kienu assenti mir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dment li jkunu ppreżentaw applikazzjoni għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 4.6. Jien mill-Ungerija u ilni ngħix u naħdem fir-Renju Unit għal 15-il sena. Nittama li nista' nibqa' fir-Renju Unit. Tistgħu tassigurawni li nista' nżomm id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħi b'mod indefinit?

Ma hemm l-ebda "data ta' skadenza" meta d-drittijiet jiskadu. Dawk kollha protetti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jżommu d-drittijiet u l-intitolamenti tagħhom, ladarba jinkisbu, għal ħajjithom kollha. Madankollu, iridu japplikaw għal *status* ta' residenza permanenti ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE (l-hekk imsejjaħ '*status* ta' stabbilit') qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

Madankollu, xi drittijiet jistgħu jiskadu f'ċerti ċirkostanzi. Pereżempju, l-*istatus* ta' residenza permanenti ġdid jiskadi jekk persuna tkun assenti mir-Renju Unit għal perjodu kontinwu li jaqbeż il-ħames snin.

## 4.7. Jien mill-Awstrija u għext fir-Renju Unit għall-aħħar 20 sena. Nirċievi benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Nifhem li nista' nibqa' fir-Renju Unit iżda se nibqa' ngawdi mill-benefiċċji li għandi bżonn?

Iva. Iċ-ċittadini tal-UE residenti fir-Renju Unit li jikkwalifikaw għall-protezzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ iżommu d-dritt għal trattament indaqs. Dan ifisser li fejn kienu intitolati għal benefiċċju, intitolament jew vantaġġ qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ikomplu jibbenefikaw mill-istess trattament.

Madankollu, iridu japplikaw għal *status* ta' residenza permanenti ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE (l-hekk imsejjaħ '*status* ta' stabbilit') qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 4.8. Jien mil-Litwanja u qed nistudja f'università fir-Renju Unit. Issa rrid inħallas miżati għat-tagħlim iktar għoljin wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni? Għandi aċċess għal self għall-istudenti?

Iċ-ċittadini tal-UE kollha residenti fir-Renju Unit li jikkwalifikaw għal *status* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza u ta' trattament indaqs.

Għall-istudenti bi *status* ta' residenza skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, dan ifisser li jistgħu jkomplu jħallsu l-istess miżati għat-tagħlim bħaċ-ċittadini

Brittaniċi. Dawn l-intitolamenti se jkunu soġġetti għal kull kambjament futur tal-politika domestika li japplika għal ċittadini tar-Renju Unit.

Fir-rigward tal-aċċess għal għajnuna ta' manteniment għall-istudji, bħal għotjiet tal-istudenti jew self għall-istudenti, l-istudenti tal-UE koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ ikomplu jibbenefikaw mill-istess trattament bħal dawk li jibbenefikaw minnhom illum.

### 4.9. Jien ċittadin Portugiż li ngħix fir-Renju Unit u protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għadni nista' nibbenefika mid-drittijiet ta' moviment liberu fl-UE?

Bħala ċittadin, għandek id-dritt li tiċċaqlaq u tgħix liberament fl-UE skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Il-Brexit ma jaffettwax dan id-dritt.

- *Governanza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ*

### 4.10. Hemm awtorità nazzjonali indipendenti biex tissorvelja l-Ftehim dwar il-Ħruġ?

Fir-Renju Unit hemm awtorità nazzjonali indipendenti, imsejħa l-'Awtorità Indipendenti ta' Monitoraġġ', tissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar id-dritt taċ-ċittadini. Is-sit web jinsab hawn https://ima-citizensrights.org.uk/.

Is-setgħat u l-funzjonijiet ta' din l-awtorità tar-Renju Unit, inkluża l-kompetenza li jitwettqu inkjesti bbażati fuq l-ilmenti taċ-ċittadini, huma stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ u huma ekwivalenti għas-setgħat tal-Kummissjoni skont it-Trattati tal-UE. Din l-awtorità se jkollha wkoll id-dritt li tressaq azzjoni legali quddiem il-qrati kompetenti tar-Renju Unit b'rabta mal-ilmenti taċ-ċittadini bil-għan li tfittex rimedji adegwati.

L-awtorità, kif ukoll il-Kummissjoni, se jirrapportaw kull sena lil kumitat speċjalizzat dwar id-drittijiet taċ-ċittadini mwaqqaf mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini skont il-Ftehim, inkluż l-għadd u n-natura tal-ilmenti rċevuti.

### 4.11. Nemmen li d-drittijiet tiegħi skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ ġew miksura. X'nista' nagħmel biex ningħata rimedju?

L-ewwel pass għandu jkun li tispjega l-ilment tiegħek lill-awtorità tar-Renju Unit li temmen tkun għamlet żball u titlobha tirrimedja l-problema.

Jekk dan ma jgħinx jew taħseb li mhu se tasal imkien, tista' tappella u titlob lill-qrati tar-Renju Unit jeżaminaw il-każ tiegħek.

Tista' wkoll tirrapporta l-ksur tad-drittijiet tiegħek lill-Awtorità Indipendenti ta' Monitoraġġ hawn https://ima-citizensrights.org.uk/report-a-complaint/. Ilment lill-Awtorità Indipendenti ta' Monitoraġġ jgħin fl-identifikazzjoni, u r-rimedju għall-problemi strutturali potenzjali. Madankollu, jista' jkun li dan ma jwassalx għal soluzzjoni għall-problema individwali tiegħek.

Bħala ċittadini tal-UE, tista' wkoll tikteb lill-Kummissjoni u tilmenta, iżda nnota li l-Kummissjoni, bil-kontra tal-Awtorità Indipendenti ta' Monitoraġġ, tal-awtoritajiet u tal-qrati tar-Renju Unit, ma tistax tinforza rimedju direttament.

### 4.12. Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ftehim dwar il-Ħruġ?

L-aħjar sors ta' informazzjoni huma rapporti konġunti bejn l-UE u r-Renju Unit dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' residenza li jiġu aġġornati fuq bażi regolari. Dawn ir-rapporti jinsabu hawn https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/eu-uk-withdrawal-agreement/implementing-withdrawal-agreement/citizens-rights_en.

### 4.13. X'iżomm l-awtoritajiet tar-Renju Unit milli jbiddlu l-liġijiet tagħhom dwar l-*istatus* ta' residenza ġdid fil-futur?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħmilha ċara ferm li ladarba l-*istatus* ta' residenza ġdid jingħata lil ċittadini individwali tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom, mhux se jkun possibbli li dan jiġi rtirat għal raġunijiet għajr dawk permessi b'mod espliċitu fil-Ftehim dwar il-Ħruġ *(bħal minħabba assenzi, jew minħabba li wettqu reat)*.

Id-drittijiet skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ huma vinkolanti skont il-liġi internazzjonali u ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jistgħu jibbażaw direttament fuq id-drittijiet tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-Renju Unit. Ir-Renju Unit irid jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġu inkorporati fil-liġi domestika tar-Renju Unit.

Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li timplimenta d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE stipulati fil-Ftehim dwar il-Ħruġ tirbaħ fuq il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. Dan ifisser li l-liġijiet tar-Renju Unit ma jistgħux "aċċidentalment" jieħdu d-drittijiet protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jekk il-Parlament tar-Renju Unit fil-futur jiddeċiedi li jħassar il-leġiżlazzjoni li tagħti effett lid-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fil-liġi tar-Renju Unit, dan it-tħassir jikser il-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jwassal għal konsegwenzi ta' dan il-ksur f'konformità mar-regoli tal-Ftehim dwar il-Ħruġ innifsu u l-liġi internazzjonali.

## 4.14. Il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiskadi fi tmien snin. Dan ifisser li d-drittijiet tiegħi jiskadu wkoll?

Id-drittijiet tiegħek skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ huma għal ħajtek kollha *(iżda jistgħu jispiċċaw f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju assenza itwal minn ħames snin mill-istat ospitanti)*.

Filwaqt li l-abbiltà tal-qrati tar-Renju Unit li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-interpretazzjoni tagħha tal-Ftehim dwar il-Ħruġ hija limitata għal tmien snin, dan ikun biżżejjed biex jiġi żgurat li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi fuq l-iktar kwistjonijiet sinifikanti.

Aspetti oħrajn tal-Ftehim dwar il-Ħruġ mhumiex limitati fiż-żmien, bħall-abbiltà tal-individwi li jibbażaw ruħhom direttament fuq il-Ftehim dwar il-Ħruġ li jieħu preċedenza fuq leġiżlazzjoni jew miżuri nazzjonali inkompatibbli jew l-obbligi tal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji tar-Renju Unit li jallinjaw ruħhom mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li ngħatat qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni u li jikkunsidraw b'mod xieraq il-każistika futura mogħtija wara t-tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## 4.15. Qed ninnota li l-kriterji għar-residenza huma bbażati fuq il-kunċetti tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iżda x'jiġri jekk ir-Renju Unit ma jkunx implimenta l-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu sew u għalhekk juża interpretazzjoni żbaljata?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa ċar: meta l-kriterji għar-residenza jkunu bbażati fuq kunċetti tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu, dawn iridu jiġu interpretati skont id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Meta r-Renju Unit jibbaża fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċetti tal-liġi tal-UE li toħloq kunflitt ma' deċiżjoni bħal din, hija l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li fl-aħħar mill-aħħar trid tirbaħ.

Barra minn hekk, il-qrati tar-Renju Unit iridu jikkunsidraw b'mod xieraq l-interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza mogħtija wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

# 5. Regoli tad-dħul u tal-ħruġ

## 5.1. Wara l-Brexit, nista' nivvjaġġa lejn ir-Renju Unit bħala ċittadin tal-UE?

Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċittadini tal-UE kienu jistgħu jivvjaġġaw b'mod ħieles, b'passaport jew karta tal-identità validi biss.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu jgħixu fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkunu jistgħu jitilqu mir-Renju Unit u jiġu lura bil-passaport jew karta tal-identità valida tagħhom. Il-membri tal-familja tagħhom li mhumiex mill-UE għandhom l-istess drittijiet għal passaport validu. Kun af li mill-2026, ir-Renju Unit se jkun intitolat li ma jibqax jaċċetta karti tal-identità li ma jikkonformawx mal-istandards internazzjonali applikabbli relatati mal-identifikazzjoni bijometrika.

Il-ksib ta' *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE jista' jiffaċilita l-qsim tal-fruntiera għaliex dan jiggarantixxi lill-awtoritajiet tar-Renju Unit li l-vjaġġatur għandu dritt ta' residenza fir-Renju Unit.

Ir-regoli dwar id-dħul għal ċittadini oħra tal-UE *(dawk li ma jkunux irrisjedew fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni)* li jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huma rregolati mil-liġijiet domestiċi tar-Renju Unit. Il-Gvern tar-Renju Unit indika li mill-1 ta' Ottubru 2021 l-uniċi dokumenti tal-ivvjaġġar li jkunu jistgħu jintużaw ikunu l-passaporti.

## 5.2. Bħala ċittadin Litwan li ngħix fir-Renju Unit, nista' nkun soġġett għal rekwiżiti tal-viża tad-dħul fil-futur?

Le – sakemm ikollok dokument validu tar-Renju Unit li juri li l-*istatus* tar-residenza l-ġdid tiegħek skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Ir-Renju Unit joħroġ dokument diġitali liċ-ċittadini tal-UE skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE.

## 5.3. Jien mil-Lussemburgu. Ma ngħixx fir-Renju Unit iżda nżur ir-Renju Unit regolarment, għandi bżonn viża tad-dħul?

Ir-regoli tar-Renju Unit jiddeterminaw jekk ikollokx bżonn ta' viża għad-dħul. Bħalissa, ma hemm l-ebda rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini tal-UE li jżuru r-Renju Unit.

### 5.4. Jien Bulgaru u ngħix fir-Renju Unit. Marti, Ċiniża, għadha kif bdiet il-kors universitarju tagħha f'Melbourne. Liema regoli tal-viża se japplikaw għaliha fl-2025, meta hi tingħaqad miegħi fir-Renju Unit?

Jekk wieħed jassumi li ċ-ċittadini Ċiniżi se jkunu soġġetti għal rekwiżiti tal-viża fl-2025 skont il-liġijiet applikabbli tar-Renju Unit, martek xorta tgawdi mis-salvagwardji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li jiżguraw li l-viża tad-dħul tagħha għandha tinħareġ bla ħlas u fuq il-bażi ta' proċedura aċċellerata.

### 5.5. Jien Taljana ngħix fir-Renju Unit mar-raġel tiegħi lu hu Eġizzjan. It-tnejn li aħna għandna *status* ġdid ta' stabbilit. Se jkollu bżonn viża meta nżuru Franza?

Iva, se jkollu bżonn viża meta żżuru Franza, għaliex hu mhux se jibqa' jkollu karta ta' residenza valida maħruġa skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Moviment Liberu jew dokument ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ta' Schengen. Madankollu, jibbenefika mis-salvagwardji tad-Direttiva tal-UE dwar il-Moviment Ħieles li tiżgura li din il-viża tad-dħul għal Franza għandha tinħareġ mingħajr ħlas u fuq il-bażi ta' proċedura aċċellerata.

# 6. Kriminalità u abbuż

## 6.1. Ilni ngħix u naħdem fir-Renju Unit għal 11-il sena. Fl-2019 ġejt misjub ħati ta'reat kriminali u kkundannat għal ħames xhur ħabs. Din il-priġunerija se taffettwa d-drittijiet tiegħi?

Il-kondotta kriminali jista' jkollha konsegwenzi għad-dritt ta' residenza, kemm jekk skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u kemm jekk bil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għal reati mwettqa qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplikaw ir-regoli attwali tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu*(il-Kapitolu VI)*.

Dan ifisser li d-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw id-dritt ta' residenza meħuda fuq il-bażi ta' reati mwettqa qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jkollhom jittieħdu strettament fuq il-bażi ta' każ b'każ u huma biss dawk it-trasgressuri li l-kondotta personali tagħhom tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tkun taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà li jistgħu jitneħħew.

## 6.2. X'isir miċ-ċittadini tal-UE li jitħallew joqogħdu fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ li jwettqu reat?

Kull reat imwettaq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jkun soġġett għal-liġi domestika tar-Renju Unit.

Fir-Renju Unit, dan bħalissa jfisser li dawk li jwettqu reat li jwassal għal sentenza ta' priġunerija ta' 12-il xahar jew iktar jitqiesu awtomatikament għad-deportazzjoni. Huma jkollhom id-dritt li jappellaw kontra deċiżjoni bħal din u li l-każ tagħhom jiġi rieżaminat minn qorti indipendenti.

## 6.3. Inħossni inkwetat li bosta persuni jistgħu jippruvaw jidħlu b'ingann, billi jagħmlu tabirruħhom li jkunu koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. X'salvagwardji se jkollhom l-awtoritajiet?

Is-salvagwardji kollha attwali li l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE biex jipproteġu ruħhom kontra l-abbuż u l-frodi se jiġu replikati taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Ir-Renju Unit ikun jista' jadotta l-miżuri meħtieġa biex jirrifjuta, iwaqqaf jew ineħħi kwalunkwe dritt mogħti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ f'każ ta' abbuż tad-drittijiet jew ta' frodi, bħal żwiġijiet ta' konvenjenza, falsifikazzjoni ta' dokumenti jew rappreżentazzjoni falza ta' fatt materjali kruċjali għad-dritt ta' residenza. Kwalunkwe miżura bħal din trid tkun proporzjonata u soġġetta għal rimedju ġudizzjarju.

## 6.4. Jistgħu d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ibbażati fuq l-abbuż tar-regoli tad-drittijiet jirriżultaw fit-telf tad-dritt għall-appell?

L-abbuż jew il-frodi jistgħu jirriżultaw fit-telf ta' residenza iżda mhux fit-telf tad-drittijiet tal-appell. Ir-Renju Unit jista' jirrestrinġi d-drittijiet tal-moviment liberu ta' dawk iċ-ċittadini tal-UE li bi provi jinstabu li jkunu qed jabbużaw mil-liġi tal-UE *(bħaż-żwiġijiet ta' konvenjenza).* Ladarba l-abbuż jew il-frodi jiġu ppruvati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-persuni affettwati jkollhom drittijiet sħaħ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrestrinġi d-drittijiet ta' residenza tagħhom għal dawk ir-raġunijiet, inkluż id-dritt ta' soġġorn waqt li l-appell ikun pendenti fil-limiti tal-Artikolu 31(2) tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu.

## 6.5. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistipula li l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu jwettqu kontrolli kriminali u ta' sigurtà sistematiċi fuq l-applikanti kollha għal *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit. Dan sew?

Iva. Il-kuntest tal-Brexit huwa wieħed speċjali ferm, għax l-awtoritajiet tar-Renju Unit iridu jieħdu deċiżjoni fundamentali dwar jekk il-persuni inkwistjoni għandhomx ikollhom *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit għall-bqija ta' ħajjithom.

F'dan il-kuntest, huwa xieraq li r-Renju Unit jistabbilixxi proċedura ġdida għal dawk li jkunu qed jippruvaw jiksbu dan l-*istatus* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit, jew inkella jkunu soġġetti esklużivament għar-regoli tal-immigrazzjoni tar-Renju Unit. Dan ifisser li wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jista' jneħħi dawk it-trasgressuri tal-UE – li kkommettew ir-reati tagħhom qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni – biss jekk ikunu jistgħu jneħħuhom issa.

## 6.6. Għandi multi ta' veloċità eċċessiva u ċitazzjonijiet tal-parkeġġ fir-Renju Unit, u ma jidhrux fir-rekord kriminali tiegħi. Hemm bżonn li niżvelahom lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-applikazzjoni tiegħi bl-iskema għall-Kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE?

Le, trid tiddikjara biss dawk il-kundanni kriminali tar-Renju Unit u l-multi ta' veloċità eċċeżiva u ċ-ċitazzjonijiet tal-parkeġġ ma humiex reati kriminali. Fi kwalunkwe każ, trid tiddikjara biss dawk il-kundanni kriminali li jidhru fir-rekord kriminali tiegħek tar-Renju Unit.

# 7. Proċeduri amministrattivi

## 7.1. Fejn nista' nsib l-aħjar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħi u l-proċedura?

L-awtoritajiet tar-Renju Unit jipprovdu informazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom fis-sit web apposta tagħhom https://www.gov.uk/settled-status-eu-citizens-families

L-aqwa sorsi ta' informazzjoni tal-UE tista' ssibhom fuq https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/eu-uk-withdrawal-agreement/implementing-withdrawal-agreement/citizens-rights_mt, http://www.eurights.uk u https://europa.eu/youreurope/citizens/residence/brexit-residence-rights/eu-nationals-living-in-uk/index_en.htm.

Tista' taqra wkoll fuljetti dwar diversi suġġetti: X'għandek tkun taf bħala ċittadin tal-UE li jgħix fir-Renju Unit, x'għandek tkun taf bħala ċittadin anzjan tal-UE li jgħix fir-Renju Unit u x'għandek bżonn tkun taf bħala ċittadin mhux tal-UE li jgħix fir-Renju Unit jekk għandek, jew kellek, konnessjoni familjari ma' ċittadin tal-UE.

Dejjem tista' tistaqsi l-ambaxxata ta' pajjiżek jew lill-konsolat għall-assistenza jew għal parir.

## 7.2. Hemm *status* ta' residenza fir-Renju Unit ġdid li jismu '*status* ta' stabbilit'. Japplika għaċ-ċittadini tal-UE u x'ifisser?

Iċ-ċittadini kollha tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jgħixu fir-Renju Unit iridu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja biex ikunu jistgħu jibqgħu fir-Renju Unit. Dan jikkorrispondi għad-dritt permanenti ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit jipprovdu informazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom fis-sit web apposta tagħhom https://www.gov.uk/settled-status-eu-citizens-families

## 7.3. Bħala ċittadin tal-UE li ngħix fir-Renju Unit, ma kellix għalfejn napplika għal dokument ta' residenza qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Issa obbligat nagħmel hekk?

Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni komplew japplikaw id-drittijiet tal-moviment liberu tal-UE daqslikieku r-Renju Unit kien għadu membru tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini tal-UE setgħu jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom fir-Renju Unit sal-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni, u ma kinux obbligati japplikaw għal xi dokument ta' residenza.

Madankollu, iċ-ċittadini tal-UE issa jistgħu jibqgħu fir-Renju Unit biss jekk japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE . Din hija prekondizzjoni legali biex ikomplu jirrisjedu fir-Renju Unit. L-applikazzjoni trid ssir qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Id-dokument ta' residenza l-ġdid tar-Renju Unit huwa diġitali u għandu jgħin liċ-ċittadini tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom jippruvaw l-*istatus* ta' residenza tagħhom, mhux biss lill-awtoritajiet tar-Renju Unit jew lill-pulizja, iżda wkoll lill-impjegaturi, lill-banek, lis-sidien tal-kera jew lil xi ħadd ieħor.

Jekk ma tapplikax għal *status* ta' residenza ġdid qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja, tipperikola serjament id-dritt tiegħek ta' soġġorn fir-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

## 7.4. L-*istatus* ta' residenza l-ġdid tar-Renju Unit ifisser li ċ-ċittadini tal-UE jitilfu id-drittijiet antiki li kienu jgawdu bil-liġi tal-UE?

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE ma tibqax tapplika fir-Renju Unit.

Apparti li r-Renju Unit iddeċieda li ma jobbligax liċ-ċittadini tal-UE biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha, il-kundizzjonijiet sostantivi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar li ċ-ċittadini jrid ikollhom *status* ta' residenza ġdid permezz tal-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE essenzjalment jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE biex jiksbu jew jitilfu d-dritt ta' residenza.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit ma għandhomx setgħa diskrezzjonali biex jirrifjutaw applikazzjoni għal raġunijiet li mhumiex permessi skont il-liġi tal-UE. L-ebda persuna intitolata għall-protezzjoni mhu se titħalla barra.

Il-kundizzjonijiet biex persuna titlef l-*istatus* ta' residenza l-ġdid huma, minn naħa waħda, iktar ta' benefiċċju meta mqabbla ma' dawk li jinsabu fil-liġi attwali tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE billi ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jistgħu jitilqu mir-Renju Unit għal ħames snin mingħajr ma jitilfu l-*istatus* ta' residenza permanenti l-ġdid tagħhom *(ir-regoli attwali jagħtu biss sentejn).*

Min-naħa l-oħra ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jitilfu l-*istatus* ta' residenza l-ġdid tagħhom iktar malajr jekk iwettqu reat fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Meta r-reat iseħħ wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-deċiżjoni titieħed f'konformità mal-liġi nazzjonali tar-Renju Unit (li għandha limiti aktar baxxi fir-rigward tad-deportazzjoni).

## 7.5. Għalija mhuwiex ċar liema kriterji l-awtoritajiet tar-Renju Unit jużaw biex jiddeċiedu dwar *status* ta' residenza ġdid għal ċittadini tal-UE. Tista' tispjega?

Il-kriterji sostantivi biex iċ-ċittadini tal-UE jiksbu *status* ta' residenza ġdid fir-Renju Unit huma essenzjalment l-istess bħal dawk stabbiliti llum fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu ta' ċittadidini tal-UE. Ir-Renju Unit iddeċieda li jikkontrolla biss it-tul ta' żmien tar-residenza u r-riżultat tal-kontroll dwar il-kriminalità u s-sigurtà biex iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom ikunu jistgħu jidħlu u jibqgħu fir-Renju Unit taħt l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE.

## 7.6. Sa meta nista' napplika għal '*status* ta' stabbilit' jew '*status* li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit'?

Dawk li legalment kienu jirrisjedu fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni għandhom sal-aħħar tal-perjodu ta' grazzja biex japplikaw għall-*istatus* ta' residenza l-ġdid tar-Renju Unit. Dawk li ma rrispettawx l-iskadenza tal-applikazzjoni jenħtieġ li jirreferu għal dan il-link.

Dawk il-membri tal-familja li huma koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ u li qed jingħaqdu ma' qrabathom biex jgħixu magħhom fir-Renju Unit, biss wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iridu japplikaw għall-*istatus* ta' residenza l-ġdid fi żmien tliet xhur minn meta jaslu fir-Renju Unit. Jistgħu japplikaw ukoll qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja, jekk dan ikun aktar ta' benefiċċju għalihom.

Sal-aħħar tal-perjodu ta' grazzja u sa meta l-applikazzjonjiet tagħhom, ladarba jiġu ppreżentati, tittieħed deċiżjoni dwarhom, huma jistgħu jgawdu mid-dritt ta' residenza fir-Renju Unit li jkun "meqjus" li jeżisti.

## 7.7. X'jiġri jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit idumu ħafna biex jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tiegħi għal *status* ta' residenza ġdid?

Ladarba l-applikazzjoni ssir, tista' tirrisjedi u żżomm id-drittijiet attwali tiegħek fil-pajjiż sakemm tittieħed deċiżjoni. Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, tkun intitolat għal appell u li tibqa' sakemm l-appell jiġi finalment deċiż.

### 7.8. X'inhi d-data ta' skadenza għal membri tal-familja li jaslu wara t-tmiem tal-perjodu ta' grazzja meta japplikaw għal *status* ġdid?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li jkollhom mill-inqas tliet xhur wara l-wasla tagħhom biex japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid.

### 7.9. Hemm xi salvagwardji li jipproteġu lil dawk li jixtiequ japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid fil-ħin, li iżda ma jistgħux jagħmlu dan għax is-sistema tar-Renju Unit ma ħadmitx?

Iva. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li l-perjodu ta' grazzja *(li sa tmiemu ċ-ċittadini kollha tal-UE jridu japplikaw għal status ta' residenza ġdid)* għandu jiġi estiż awtomatikament b'sena meta r-Renju Unit jinnotifika li problemi tekniċi waqqfuh milli jirreġistra l-applikazzjonijiet jew joħroġ iċ-ċertifikati tal-applikazzjonijiet. Matul dan il-perjodu estiż, id-drittijiet ta' residenza kollha jiġu ppreservati għalkollox.

### 7.10. Diġà għandi dokument li jiċċertifika residenza permanenti maħruġ lili mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-2014. Onestament nixtieq li persuni bħali jistgħu jibqgħu mingħajr l-ebda inkonvenjent.

Xorta trid tapplika għal *status* ta' residenza permanenti ġdid fir-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE qabel ma jintemm il-perjodu ta' grazzja. Madankollu, billi inti diġà għandek residenza permanenti fir-Renju Unit skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE eżistenti, il-proċedura amministrattiva hija waħda sempliċi. Trid sempliċiment tippreżenta l-passaport jew il-karta tal-identità, tiddikjara kundanni kriminali mhux servuti li jidhru fir-rekord kriminali tiegħek fl-istat tal-kundanna, u trid turi li int ma kontx assenti mir-Renju Unit għal aktar minn ħames snin wara xulxin. L-*istatus* ta' residenza l-ġdid tiegħek jenħtieġ li jinħareġ mingħajr ħlas.

### 7.11. Jien kont eliġibbli għal residenza permanenti fir-Renju Unit skont il-liġi tal-UE, iżda qatt ma applikajt għal dokument li jiċċertifika r-residenza permanenti. Dan jista' jaffettwani?

Xi ftit jew wisq jaffettwak. Bil-preżentazzjoni ta' dokument ta' residenza permanenti maħruġ qabel il-perjodu ta' tranżizzjoni kont tagħmel l-applikazzjoni tiegħek taħt l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE aktar faċli. Fi kwalunkwe każ, int għadek intitolat għar-residenza permanenti fir-Renju Unit (l-hekk imsejjaħ *status* 'ta' stabbilit') iżda l-proċedura ta' applikazzjoni taħt l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE se tkun ftit aktar impenjattiva.

## 7.12. Qed nibża' li l-proċedura amministrattiva l-ġdida li l-awtoritajiet tar-Renju Unit fasslu għaċ-ċittadini tal-UE tkun diffiċli ferm. Kif ipproteġiet id-drittijiet tiegħi l-UE fin-negozjati?

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jfassal skema ġdida - l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE - li fiha l-proċeduri amministrattivi għal applikazzjonijiet għal *status* ta' residenza ġdid jkunu trasparenti, mingħajr intoppi u ssimplifikati, sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

Il-formoli ta' applikazzjoni bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE suppost li jkunu qosra, sempliċi, faċli biex jintużaw u aġġustati għall-kuntest tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. L-*istatus* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit mogħti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE huwa mingħajr ħlas.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jispeċifika li r-Renju Unit ma jistax jitlob iktar minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat sabiex jiddetermina jekk il-kriterji għal residenza ntlaħqux. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi dispożizzjonijiet li jsegwu approċċ simili għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti evidenzjali tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE.

## 7.13. Meta nħares lejn kif il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu ġiet applikata fir-Renju Unit, ninsab imħasseb li ma hemm l-ebda garanzija li s-sistema l-ġdida fil-prattika taħdem fil-każijiet kollha.

Ir-Renju Unit jagħti informazzjoni dettaljata dwar l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE f'dan is-sit web apposta https://www.gov.uk/settled-status-eu-citizens-families.

Is-sistema amministrattiva stabbilita taħt l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE għandha tkun flessibbli, trasparenti, sempliċi u ma għandhiex tirriżulta f'piżijiet amministrattivi bla bżonn. L-*istatus* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit mogħti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE huwa mingħajr ħlas.

Biex joffri salvagwardji konkreti liċ-ċittadini, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li s-salvagwardji proċedurali kollha tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu japplikaw. Dan ifisser id-dritt għal appell għal kwalunkwe deċiżjoni li tirrestrinġi drittijiet ta' residenza. Dan ifisser ukoll li ċ-ċittadin inkwistjoni jżomm id-drittijiet kollha skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni finali, jiġifieri inkluża d-deċiżjoni ġudizzjarja finali wara proċedura ta' appell.

## 7.14. Applikajt għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-UE fir-Renju Unit fl-2018. Ġbart kważi mitt paġna ta' dokumenti biex niżgura ruħi

**li l-awtoritajiet tar-Renju Unit fehmu li ssodisfajt il-kundizzjonijiet kollha. Ma rridx nerġa' ngħaddi mill-istess esperjenza. Dan huwa differenti bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE?**

Iva. L-*istatus* ta' residenza mogħti taħt l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE ma jeħtieġx aktar minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat sabiex jiddetermina jekk il-kriterji għal residenza ntlaħqux. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi dispożizzjonijiet li jsegwu approċċ simili għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti evidenzjali tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet tar-Renju Unit jippruvaw jużaw l-evidenza diġà disponibbli għalihom *(bħal rekords dwar taxxi mħallsa fuq il-pagi)* biex inaqqsu l-evidenza li l-applikanti jkollhom jipprovdu.

Fi kliem ieħor, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi limitu fuq dak li l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu jitolbu. L-awtoritajiet tar-Renju Unit ma jistgħux jitolbu lill-applikanti biex jipprovdu aktar evidenza mill-minimu meħtieġ biex juru li jikkwalifikaw għall-*istatus* ta' residenza l-ġdid tar-Renju Unit skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE; jiddikjaraw l-kundanni kriminali mhux servuti li jidhru fir-rekord kriminali tiegħek fl-istat tal-kundanna u xejn aktar.

Madankollu, bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, l-awtoritajiet tar-Renju Unit iddeċidew li jiċċekkjaw biss ir-riżultat ta' kontroll dwar il-kriminalità u s-sigurtà, flimkien ma' verifika dwar it-tul tar-residenza. Ma hemm l-ebda kundizzjoni li persuna trid tkun ħadmet jew kienet koperta minn assikurazzjoni tas-saħħa komprensiva.

### 7.15. Nemmen li l-proċeduri amministrattivi tar-Renju Unit dwar l-immigrazzjoni huma wisq ikkumplikati. Hemm xi regoli jew salvagwardji biex jgħinuni bl-applikazzjoni?

L-awtoritajiet tar-Renju Unit iridu jaħdmu mal-applikanti biex jgħinuhom jagħtu prova tal-eliġibbiltà tagħhom u biex jevitaw xi żball jew omissjoni li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. L-awtoritajiet tar-Renju Unit iridu jagħtu lill-applikanti l-opportunità li jipprovdu evidenza supplimentari jew jirranġaw kwalunkwe nuqqas fejn jidher li tkun seħħet omissjoni sempliċi. Japplika l-prinċipju ta' flessibbiltà evidenzjali, li jippermetti lill-awtoritajiet tar-Renju Unit li jeżerċitaw id-diskrezzjoni favur l-applikant meta jkun xieraq.

### 7.16. Billi nivvjaġġa ħafna, veru ma nixtieqx nippreżenta l-passaport oriġinali tiegħi flimkien mal-applikazzjoni għal *status* ta' residenza tar-Renju Unit u nkun mingħajru. X'nista' nagħmel?

Il-biċċa l-kbira tal-applikazzzjonijiet għall-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE jistgħu jsiru billi tiskennja d-dokument tal-ivvjaġġar tiegħek permezz ta' app,

aktar milli tippreżenta lilu stess. Trid tippreżenta d-dokument tal-ivvjaġġar tiegħek mal-applikazzjoni tiegħek f'ċirkustanzi limitati biss. Filwaqt li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiggarantixxi li diversi dokumenti ta' prova jistgħu jiġu ppreżentati f'kopji, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jesiġu l-preżentazzjoni ta' passaport jew kartà tal-identità validi mal-applikazzjoni. Madankollu, meta d-dokumenti tal-ivvjaġġar jinżammu waqt li l-applikazzjoni tkun pendenti, inti intitolat li titlob li d-dokument tal-ivvjaġġar tiegħek jingħatalek lura qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

### 7.17. Nista' nippreżenta kopji – u mhux l-oriġinali – ta' dokumenti ta' prova?

Iva. Dokumenti ta' prova barra minn passaporti jew karti tal-identità jistgħu jiġu ppreżentati f'kopji. L-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu jesiġu, f'każijiet speċifiċi, li ċerti dokumenti jiġu pprovduti bħala oriġinali meta jkun hemm dubju raġonevoli rigward l-awtentiċità tagħhom.

### 7.18. Xi applikazzjonijiet tal-immigrazzjoni huma għoljin ferm fir-Renju Unit. Kemm iżommu l-awtoritajiet tar-Renju Unit liċ-ċittadini tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom li japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid?

L-*istatus* ta' residenza ġdid tar-Renju Unit mogħti skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE huwa mingħajr ħlas.

### 7.19. Jien miżżewweġ u għandna tlett itfal. L-applikazzjonijiet tagħna jiġu deċiżi separatament jew flimkien?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiggarantixxi li l-applikazzjonijiet li jsiru mill-familji fl-istess ħin se jiġu kkunsidrati flimkien. Skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE dan ifisser li l-applikazzjonijiet tiegħek jenħtieġ li jkunu "marbutin flimkien".

### 7.20. Smajt li r-Renju Unit joħroġ dokumenti ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ f'forma diġitali. Dan minnu?

Id-dokumenti ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistgħu jinħarġu kemm bħala dokument fiżiku *(pereżempju, bħala kard tal-plastik b'elementi ta' sigurtà)* jew f'forma diġitali.

Ir-Renju Unit jagħti l-*istatus* ta' residenza diġitali skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. L-*istatus* diġitali se jkun ibbażat fuq rekord miżmum f'bażi tad-*data* diġitali mħaddma mill-awtoritajiet tar-Renju Unit. Tista' tiġi aċċessata fuq https://www.gov.uk/view-prove-immigration-status.

### 7.21. qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċittadini tal-UE setgħu jappellaw kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit. Dan id-dritt għadu mħares?

Iva, dan id-dritt se jibqa' fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.

### 7.22. X'jiġri minn dawk iċ-ċittadini tal-UE li l-applikazzjonijiet tagħhom għal *status* ta' residenza ġdid jiġu rrifjutati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit? Ikunu jistgħu jibqgħu waqt li l-appell tagħhom ikun pendenti?

Iċ-ċittadini tal-UE li l-applikazzjonijiet tagħhom għal *status* ta' residenza ġdid skont l-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE jiġu miċħuda wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jitolbu rimedju ġudizzjarju kontra ċ-ċaħda tad-dħul. Huma jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza sakemm id-deċiżjoni – jew l-appell – isiru finali. Bħalma huwa l-każ skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, *l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu f'każijiet eċċezzjonali (bħal meta d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika)* jneħħu lill-applikanti rrifjutati anki qabel ma jingħata l-verdett finali. Jekk jagħmlu hekk, ma jistgħux jimpedixxu liċ-ċittadini tal-UE milli jiddefendu lilhom infushom personalment ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali meta l-preżenza tagħhom fir-Renju Unit tista' toħloq problemi serji għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika.

- *Applikazzjonijiet li jaslu tard*

### 7.23. Ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni. Issa qed ngħix illegalment fl-Istat ospitanti?

Dawk li kienu rrisjedew legalment fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni kellhom sal-aħħar tal-perjodu ta' grazzja biex japplikaw għall-*istatus* ta' residenza l-ġdid tar-Renju Unit. Il-liġijiet domestiċi tar-Renju Unit iffissaw din l-iskadenza tal-applikazzjoni għat-30 ta' Ġunju 2021.

Jekk ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni, trid tieħu azzjoni billi ma jkollokx dritt ta' residenza fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ sakemm ma tkunx għamilt applikazzjoni tardiva b'suċċess.

## 7.24. Irrealizzajt li ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni. Dan ifisser li qatt mhu se nkun nista' nikseb *status* li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit jew *status* ta' stabbilit [*status* ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ]?

Jekk ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni, xorta tista' tippreżenta applikazzjoni għal *status* ta' residenza ġdid wara l-iskadenza. Madankollu, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għandhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk jilqgħux l-applikazzjoni tardiva tiegħek, skont jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex tippreżenta l-applikazzjoni tardiva tiegħek. Barra minn hekk, kellek tgħix fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-perjodu ta' tranżizzjoni ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020 fil-11pm GMT).

Meta tagħmel applikazzjoni tardiva, l-awtoritajiet tar-Renju Unit iridu jikkunsidraw ir-raġunijiet tiegħek għan-nuqqas ta' rispett tal-iskadenza u jekk jaċċettaw li hemm raġuni tajba għaliex ma għamiltx l-applikazzjoni tiegħek sal-iskadenza, xorta tista' tingħata *status* ta' stabbilit jew *status* li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit.

Sabiex jgħinek tifhem x'tista' tkun raġuni valida għaliex ma applikajtx sal-iskadenza, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ippubblikaw gwida għal dawk li japplikaw tard. Jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit jaċċettaw li kellek raġuni adegwata għala ma lħaqtx daħħalt l-applikazzjoni sal-iskadenza, huma jgħaddu biex jikkunsidraw jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tingħata *status* ta' stabbilit jew *status* li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit kif applikabbli għall-applikazzjonijiet li jsiru fil-ħin.

Huwa importanti li tagħmel l-applikazzjoni tiegħek hekk kif tirrealizza li ma tkunx irrispettajt l-iskadenza.

## 7.25. L-awtoritajiet nazzjonali ġibduli l-attenzjoni li ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni. X'għandi nagħmel issa?

Jekk ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni, tista' tippreżenta applikazzjoni għal *status* ta' residenza ġdid wara l-iskadenza. Madankollu, ikollok turi li hemm raġunijiet raġonevoli biex tippreżenta l-applikazzjoni tardiva tiegħek.

Inti tista' tippreżenta applikazzjoni tardiva anki jekk huma l-awtoritajiet nazzjonali li nnotifikawk li ma applikajtx sal-iskadenza. Tista' tingħata struzzjonijiet biex tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek f'perjodu ta' żmien raġonevoli addizzjonali. Jekk tonqos milli tagħmel applikazzjoni wara li tiġi nnotifikat mill-awtoritajiet inti tirriskja wkoll li titneħħa mir-Renju Unit.

Anki jekk tkun ħriġt mir-Renju Unit jew tneħħejt, xorta tista' tapplika wara l-iskadenza minn barra l-pajjiż.

## 7.26. Hemm salvagwardji għal dawk li ma jirrispettawx l-iskadenza?

F'każ ta' applikazzjoni tardiva, l-awtoritajiet nazzjonali jridu jivvalutaw iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet kollha għalfejn ma ġietx irrispettata l-iskadenza. Din is-salvagwardja tiżgura li l-applikazzjonijiet tardivi jiġu ttrattati b'mod proporzjonat.

Ir-raġunijiet għaliex xi ħadd seta' ma rrispettax l-iskadenza biex japplika jistgħu jvarjaw u għalhekk il-gwida tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ma tistax telenka kull raġuni tajba possibbli. Sempliċiment minħabba li r-raġuni tiegħek biex tapplika tard mhijiex inkluża fil-gwida ma jfissirx li mhijiex raġuni tajba u xorta għandek tagħmel applikazzjoni fejn tispjega bl-aħjar mod ir-raġunijiet għaliex ma applikajtx sal-iskadenza tal-applikazzjoni.

Jekk ir-raġuni tiegħek biex tapplika tard hija koperta mill-eżempji fil-gwida hemm ċans qawwi li l-awtoritajiet tar-Renju Unit jaċċettaw l-applikazzjoni tardiva tiegħek. Eżempji fil-gwida jinkludu:

- Tfal (inklużi tfal taħt kura u dawk li telqu mill-kura) li ma saritilhomx applikazzjoni f'isimhom.
- Kapaċità fiżika jew mentali u/jew ħtiġijiet ta' kura jew appoġġ li jipprevjenu applikazzjoni
- Kundizzjoni medika serja jew trattament mediku sinifikanti li jipprevjeni applikazzjoni
- Vittma ta' jasar modern
- Vittma ta' relazzjoni jew ta' sitwazzjoni abbużiva jew ta' kontroll
- Raġunijiet prattiċi jew ta' kompassjoni konvinċenti oħra bħan-nuqqas ta' għarfien tal-ħtieġa li wieħed japplika għal *status* ta' residenza
- Ma bqajtx eżentat mill-kontroll tal-immigrazzjoni
- Diġà għandek permess ta' dħul jew ta' residenza limitat jew indefinit eżistenti
- Diġà għandek dokument jew *status* skont ir-Regolamenti taż-ŻEE

## 7.27. Ma kontx konxju li kellna bżonn napplikaw għal uliedna. Huwa tard wisq?

It-tfal iridu japplikaw ukoll għal *status* ta' residenza ġdid sakemm ma jitwildux Brittaniċi. It-tfal imwielda Brittaniċi jistgħu japplikaw mal-Uffiċċju tal-Passaporti tar-Renju Unit għal prova tan-nazzjonalità tagħhom. Huwa importanti li wieħed ikollu passaport Brittaniku bħala prova tan-nazzjonalità b'mod partikolari meta wieħed jivvjaġġa lejn u mir-Renju Unit. Tista' ssib iktar informazzjoni hawnhekk.

Jenħtieġ li tagħmel applikazzjoni għal *status* ta' residenza ġdid f'isem uliedek u tispjega r-raġunijiet għas-sottomissjoni tard tal-applikazzjoni tiegħek. Skont il-gwida tal-awtoritajiet tar-Renju Unit għal dawk li japplikaw tard, tali applikazzjonijiet li jaslu tard jenħtieġ li jiġu aċċettati u pproċessati daqslikieku saru fil-ħin.

L-ulied imwielda fir-Renju Unit wara t-30 ta' Ġunju 2021 li ma twildux Brittaniċi jridu japplikaw ukoll għall-*istatus* ta' residenza. Għandhom tliet xhur mid-data tat-twelid tagħhom biex

japplikaw. Jekk applikazzjoni ma ssirx fi żmien tliet xhur xorta jistgħu japplikaw billi jagħmlu applikazzjoni tardiva fejn jispjegaw ir-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni qed issir tard.

### 7.28. Kif nista' napplika u liema dokumenti għandi bżonn?

Tista' tapplika tard billi tuża l-istess formola ta' applikazzjoni online li ntużat sabiex tapplika qabel l-iskadenza.

Jekk ma għandekx passaport jew karta tal-identità nazzjonali u ma tistax tinħariġlek waħda ġdida malajr, tista' tapplika billi tuża formola ta' applikazzjoni stampata li tintbagħat mill-EU Settlement Resolution Centre: +44 (0)300 123 7379. Meta ċċempel lill-EU Settlement Resolution Centre, trid tispjega għaliex ma tistax tipprovdi passaport jew karta tal-identità nazzjonali. Ikollok bżonn tipprovdi prova alternattiva aċċettabbli ta' identità flimkien mal-applikazzjoni stampata tiegħek.

Il-formola tal-applikazzjoni online u l-formola tal-applikazzjoni stampata għandhom taqsima sabiex tkun tista' tispjega r-raġunijiet għaliex ma tkunx ippreżentajt l-applikazzjoni qabel l-iskadenza meta tapplika.

Jekk għandek evidenza li tappoġġa r-raġuni(jiet) li minħabba fiha/fihom ma tkunx irrispettajt l-iskadenza, għandek tinkludiha fl-applikazzjoni tiegħek. Jekk ma tipprovdix biżżejjed informazzjoni meta tapplika, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għandhom jikkuntattjawk sabiex jitolbu informazzjoni jew evidenza addizzjonali. Huwa importanti ħafna li twieġeb għal kwalunkwe talba bħal din mill-awtoritajiet tar-Renju Unit malajr kemm jista' jkun.

### 7.29. Applikajt biss wara l-iskadenza u għadni ma rċevejtx l-*istatus* tiegħi, dan ifisser li m'iniex protett billi l-iskadenza għaddiet?

Ladarba tkun għamilt l-applikazzjoni wara l-iskadenza, l-awtoritajiet tar-Renju Unit joħorġulek ċertifikat ta' applikazzjoni u jekk jaċċettaw li kellek raġunijiet validi biex tapplika wara l-iskadenza, għandhom jipproċedu bil-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek dwar is-sustanza, daqslikieku ġiet ippreżentata fil-ħin.

Mill-mument meta jinħariġlek ċertifikat ta' applikazzjoni u sakemm l-applikazzjoni tiegħek tiġi deċiża, id-drittijiet tiegħek ikunu protetti, bħad-dritt li tgħix, taħdem, tikri, tistudja fir-Renju Unit, kif ukoll aċċess liberu għall-NHS.

### 7.30. Ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni, iżda l-applikazzjoni tardiva tiegħi ġiet aċċettata. Xi jfisser għalija?

Id-drittijiet tiegħek skont l-Iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE huma l-istess bħad-drittijiet ta' dawk li applikaw fil-ħin u li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew aċċettati.

### 7.31. Ma rrispettajtx l-iskadenza tal-applikazzjoni, iżda l-applikazzjoni tardiva tiegħi ġiet miċħuda minħabba li r-raġunijiet tiegħi biex napplika tard ma tqisux tajbin biżżejjed. Xi jfisser għalija?

Jekk ir-raġunijiet li tagħti għaliex tkun daħħalt applikazzjoni tardiva ma jiġux aċċettati mill-Home Office, l-applikazzjoni tiegħek tiġi miċħuda.

Tintbagħatlek (normalment permezz ta' email) ittra li tispjega għaliex ir-raġunijiet tiegħek ma ġewx aċċettati. Tista' tikkontesta deċiżjoni ta' rifjut billi tagħmel rieżami amministrattiv jew tagħmel appell lil qorti indipendenti tar-Renju Unit biex teżamina r-rifjut li tiġi aċċettata l-applikazzjoni tiegħek wara l-iskadenza. Jekk tagħmel rieżami amministrattiv li ma jirnexxix, xorta tista' tappella lill-qorti tar-Renju Unit biex teżamina r-rifjut. F'xi każijiet limitati jista' jkun li tkun tista' tagħmel applikazzjoni oħra. Jekk tiġi rrifjutat u tixtieq tikkontesta din id-deċiżjoni, hija idea tajba li titkellem ma' konsulent tal-immigrazzjoni regolat tar-Renju Unit sabiex tifhem l-aħjar mod kif tipproċedi.

### 7.32. Ma kontx qed ngħix fir-Renju Unit sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda dħalt b'Permess tal-Familja wara t-30 ta' Ġunju 2021, għandi skadenza biex napplika?

Il-membri tal-familja li ġew fir-Renju Unit biex jingħaqdu mal-isponsor tagħhom tal-UE wara t-30 ta' Ġunju 2021 għandhom tliet xhur minn meta jidħlu fir-Renju Unit bl-użu ta' Permess tal-Familja biex jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom għar-residenza lill-awtoritajiet tar-Renju Unit. Jekk il-membru tal-familja ma japplikax fi żmien tliet xhur, huwa jista' jagħmel applikazzjoni tardiva bl-istess mod kif deskritt hawn fuq u jispjega għaliex ma rrispettax l-iskadenza biex japplika. Ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tardiva jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit u jekk ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rispett tal-iskadenza jiġu aċċettati bħala raġonevoli, l-applikazzjoni tiġi aċċettata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra ta' kwalifika.

Jekk int membru tal-familja li applikajt għal *status* ta' stabbilit jew *status* li jippreċedi l-*istatus* ta' stabbilit barra mir-Renju Unit u dħalt fir-Renju Unit wara li ngħatajt l-*istatus*, ma għandekx għalfejn tapplika fi żmien tliet xhur minn meta tasal fir-Renju Unit billi diġà ngħatajt l-*istatus* li għandek bżonn biex tirrisjedi fir-Renju Unit.

### 7.33. Fejn nista' nsib xi informazzjoni addizzjonali?

Jekk teħtieġ informazzjoni dwar il-Brexit, l-Iskema għall-Kisba tal-*Istatus* ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE, id-drittijiet jew l-intitolamenti tiegħek, tista' ssib aktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

# 8. Kwalifiki professjonali

- *Kwalifiki professjonali skont il-liġi attwali tal-UE*

## 8.1. X'inhuma kwalifiki professjonali?

Il-kwalifiki professjonali huma rekwiżiti ta' kwalifiki speċifiċi li persuna jrid ikollha bil-liġi sabiex taċċessa jew teżerċita professjoni regolata jew biex tinvolvi ruħha f'attivitajiet regolati f'ċertu pajjiż.

Ir-rekwiżiti tal-kwalifiki jvarjaw bejn il-professjonijiet. Huma jistgħu jvarjaw ukoll għall-istess professjoni jew għal attivitajiet bejn il-pajjiżi.

Il-kwalifiki professjonali jistgħu jkunu studji partikolari, taħriġ u/jew esperjenza professjonali. Dawn jistgħu jiġu ppruvati permezz ta', pereżempju, diplomi, ċertifikati kif ukoll attestamenti ta' livell ta' kompetenza u/jew esperjenza professjonali.

## 8.2. X'jiġri rigward il-kwalifiki li jkunu rikonoxxuti fi Stat Membru partikolari jekk tistabbilixxi ruħek fi Stat Membru ieħor?

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jeżerċitaw professjoni regolata, bħala impjegati jew għal rashom, fi Stat Membru ieħor apparti dak li fih kisbu l-kwalifiki tagħhom.

Professjonisti *(pereżempju fiżjoterapisti)*, li ġew imħarrġa u kisbu l-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru wieħed u ddeċidew li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor li jirregola l-aċċess u t-twettiq ta' din il-professjoni jkollhom jiksbu r-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom f'dak l-Istat Membru qabel ma jkunu jistgħu jaħdmu hemmhekk.

Skont ir-reġim tal-UE, l-Istati Membri li jirregolaw professjonijiet partikolari huma obbligati jikkunsidraw, taħt kundizzjonijiet stretti, il-kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra bil-għan li jagħtu r-rikonoxximent u jippermettu l-aċċess għall-professjoni tagħhom.

Fi ftit professjonijiet *(tobba, infermiera, dentisti, veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti)* hemm sistema ta' rikonoxximent awtomatika bbażata fuq kundizzjonijiet ta' taħriġ minimu komuni. Barra minn hekk, għadd ta' professjonijiet prinċipalment fis-setturi tal-artiġjanat, tal-industrija u tas-setturi tal-kummerċ jistgħu jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku bbażat fuq l-esperjenza, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Għal professjonijiet oħra, l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi miżuri ta' kumpens għall-professjonist il-ġdid, dment li jkun hemm differenzi oġġettivament sostanzjali bejn il-kwalifiki tal-professjonist u l-kwalifiki meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti.

L-Istat Membru fejn huwa mfittex ir-rikonoxximent irid joħroġ deċiżjoni rilevanti fi skadenzi stretti. Deċiżjonijiet bħal dawn huma soġġetti għal appell skont il-liġi nazzjonali, ma jistgħux ikunu arbitrjarji u jridu jkunu konformi bis-sħiħ mal-liġi tal-UE.

Finalment, xi regoli speċifiċi jistgħu jkunu applikabbli għal xi professjonisti, bħall-avukati.

Dan ir-reġim tal-UE ma japplikax għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent li jsiru minn ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE, sakemm ma jkunx hemm arranġamenti speċifiċi li jipprevedu assimilazzjoni bħal din, eżempju arranġamenti applikabbli għal ċittadini taż-ŻEE u ċittadini Żvizzeri.

Il-kwalifiki miksuba minn ċittadini tal-UE f'pajjiżi li mhumiex fl-UE huma koperti biss mir-reġim tal-UE jekk huma assimilati mal-kwalifiki tal-UE. Dan isir wara tliet snin ta' eżerċitar fl-Istat Membru li l-ewwel li rrikonoxxihom.

## 8.3. Illum x'jiġri mill-kwalifiki rikonoxxuti fi Stat Membru wieħed jekk inti tipprovdi servizz temporanju jew okkażjonali fi Stat Membru ieħor?

Għal diversi professjonijiet, il-liġi tal-UE tippermetti biss lill-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut li jitlob dikjarazzjoni minn qabel mill-professjonisti kkonċernati. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ppreżentata darba f'sena *(jew darba kull 18-il xahar fil-każ tal-Karta Professjonali Ewropea)* u tista' tiġi akkumpanjata minn għadd limitat ta' ċertifikati.

Ma hija permessa l-ebda verifika minn qabel ta' kwalifiki mill-Istat Membru fejn is-servizz irid jiġi pprovdut, bl-eċċezzjoni notevoli ta' professjonijiet li jinvolvu riskji ta' danni serji għas-saħħa jew is-sikurezza tar-reċipjenti tas-servizzi. Kwalunkwe verifika bħal din ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dan il-għan speċifiku.

Barra minn hekk, għal professjonijiet bħal tobba, infirmiera, dentisti, veterinarji, qwiebel, spiżjara u arkitetti eċċ., li huma koperti mis-sistema ta' rikonoxximent awtomatika, l-ebda verifika minn qabel tal-kwalifiki ma tista' tiġi imposta. Tista' tkun meħtieġa biss dikjarazzjoni annwali minn qabel.

- *Kwalifiki professjonali skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ*

## 8.4. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kif affettwa din is-sitwazzjoni?

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-reġim legali tal-UE spjegat hawn fuq ma għadux japplika fir-Renju Unit.

Il-kwistjonijiet kollha relatati mar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini tal-UE fir-Renju Unit u l-possibbiltà li jipprovdu servizzi professjonali hemm, għandhom jiġu indirizzati skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet nazzjonali mingħajr il-benefiċċju tad-drittijiet ipprovduti mil-liġi tal-UE.

## 8.5. X'jagħmel il-Ftehim dwar il-Ħruġ?

L-għan prinċipali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa għaċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini tar-Renju Unit li jgħixu legalment fi Stat ospitanti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u li qabel kienu kisbu r-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom f'dak l-Istat skont lista speċifika ta' strumenti tal-UE, ma għandhomx jiġu affettwati mill-Brexit fir-rigward tal-validità tar-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom u l-liċenzja tagħhom biex jipprattikaw hemmhekk.

L-istess ikun meħtieġ għal professjonisti li, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ikunu ħaddiema bejn il-fruntieri u setgħu kisbu rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom u liċenzja li jipprattikaw fl-Istat li fih jaħdmu bejn il-fruntieri.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ikopri wkoll l-applikazzjonijiet pendenti għar-rikonoxximent magħmulin minn dawn il-persuni.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiggarantix lill-professjonisti tal-UE bi kwalifiki mir-Renju Unit u stabbiliti fir-Renju Unit id-dritt li jiddependu fuq il-liġi tal-UE sabiex jiksbu r-rikonoxximenti tal-kwalifiki tagħhom wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE, jew li jipprovdu servizzi temporanji jew okkażjonali f'xi wieħed minnhom.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jipproteġix il-validità, fil-bqija tal-UE, tal-liċenzji mogħtija mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'xi setturi, b'mod partikolari s-settur tat-trasport, fejn għandhom valur pan-Ewropew fis-suq intern, jew il-validità fir-Renju Unit ta' tipi ta' liċenzji bħal dawn mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE.

## 8.6. Jien arkitett Estonjan li ngħix u naħdem fir-Renju Unit. Nista' nkompli nipprattika l-professjoni tiegħi?

Iva. Jekk kellek kwalifika professjonali rikonoxxuta fir-Renju Unit u int konformi mar-rekwiżiti kollha ta' prattika fir-Renju Unit, inti tista' tkompli tibbaża fuq din id-deċiżjoni ta' rikonoxximent biex twettaq l-attivitajiet professjonali tiegħek hemmhekk.

## 8.7. Jien fiżjoterapista Belġjan li ngħix l-Irlanda u naħdem bħala fiżjoterapista fir-Renju Unit fejn il-kwalifiki tiegħi ġew rikonoxxuti. Nista' nkompli noffri s-servizzi tiegħi bħala ħaddiem fruntalier fir-Renju Unit?

Iva. Jekk kellek kwalifika professjonali rikonoxxuta fir-Renju Unit, inti tista' tkompli tibbaża fuq din id-deċiżjoni ta' rikonoxximent biex twettaq l-attivitajiet professjonali tiegħek.

## 8.8. Jien ċittadin Finlandiż u ngħix il-Finlandja. Bħalissa qed nagħmel kors f'istituzzjoni lokali li għandha ftehim ta' franchising ma' università fir-Renju Unit. La nlesti l-kors, se

**jtuni diploma tar-Renju Unit. X'se jkun l-*istatus* tal-kwalifiki tiegħi jekk id-diploma tiegħi tinkiseb wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni?**

Sakemm id-diploma tiegħek se tinħareġ minn istituzzjoni tar-Renju Unit *(università tar-Renju Unit jew istitut professjonali tar-Renju Unit),* il-kwalifika tiegħek se tkun kwalifika ta' pajjiż mhux tal-UE u mhux se tibbenefika mir-reġim ta' rikonoxximent tal-UE.

Il-kundizzjonijiet biex jinkiseb aċċess għal professjoni fir-Renju Unit jiddependu fuq il-liġijiet u l-politiki dwar l-immigrazzjoni tar-Renju Unit, l-aċċess għal dispożizzjonijiet speċifiċi u t-trattament tal-barranin b'diplomi tar-Renju Unit maħruġa taħt arranġamenti ta' franchising edukattivi.

# 9. Sigurtà soċjali

## 9.1. Jien Spanjol, naħdem fir-Renju Unit u għandi *status* bl-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. X'jiġri mis-sigurtà soċjali li tkoprini?

F'dak li jirrigwarda r-regoli tas-sigurtà soċjali, l-objettiv tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa li jiżgura li kollox ikun bħal kif kien qabel. Ir-regoli tal-UE jibqgħu japplikaw għall-persuni protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan ifisser, pereżempju, li:

- ir-Renju Unit se jkompli jkun responsabbli għall-**benefiċċji tas-sigurtà soċjali tiegħek** – inti tħallas il-kontribuzzjonijiet lir-Renju Unit u inti intitolat għall-benefiċċji tar-Renju Unit mingħajr l-ebda diskriminazzjoni;

- inti għandek **aċċess għall-kura tas-saħħa fir-Renju Unit** skont l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini tar-Renju Unit;

- **jekk tmur għall-vaganzi fl-Unjoni Ewropea,** inti tista' tuża l-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa Brittanika (European Health Insurance Card) *(għalkemm tkun trid tapplika għal karta tal-EHIC il-ġdida – ara https://www.nhs.uk/using-the-nhs/healthcare-abroad/apply-for-a-free-ehic-european-health-insurance-card/);*

- **jekk it-tfal tiegħek jgħixu Spanja** u inti intitolat għal benefiċċji tal-familja tar-Renju Unit, inti tkompli tirċevihom mingħajr ebda tnaqqis daqslikieku t-tfal kienu joqogħdu miegħek fir-Renju Unit (ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=863&langId=mt* għal aktar dettalji);

- **jekk ikollok tfal wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni** u tkun intitolat għal benefiċċji tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, inti tirċievi l-benefiċċji anki jekk it-tfal ikunu jgħixu, pereżempju, fi Spanja *(għal iktar dettalji ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=863&langId=en)*;

- **jekk titlef ix-xogħol,** inti intitolat għall-benefiċċji tal-qgħad tar-Renju Unit u tkun tista' titrasferixxi dawn il-benefiċċji għall-perjodu ta' żmien permess, biex tkun tista' tfittex xogħol fi Stat Membru tal-UE (ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=862&langId=mt għal iktar dettalji);*

- **meta tirtira,** inti intitolat għall-pensjoni tar-Renju Unit skont il-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali:

    - jekk ma għandekx biżżejjed perjodi ta' assikurazzjoni sabiex tkun intitolat għall-pensjoni tar-Renju Unit, ir-Renju Unit se jikkunsidra l-perjodi li għamilt fi Stati Membri tal-UE sa fejn ikun meħtieġ;

- jekk tiddeċiedi li tmur lura Spanja:
  - se tkompli tirċievi l-pensjoni tar-Renju Unit mingħajr ebda tnaqqis;
  - il-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit tkompli tiġi aġġustata 'l fuq (uprated);
  - ir-responsabbiltà għall-ħlas tal-kopertura tal-kura tas-saħħa tiegħek se tkun determinata skont kwalunkwe pensjoni oħra li tirċievi u r-residenza tiegħek;

Għal iktar dettalji, ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=860&langId=mt;

- **jekk is-superstiti tiegħek huma intitolati għal benefiċċji tas-supersititi tar-Renju Unit**, huma jkunu jistgħu jitolbu dawn il-benefiċċji u jirċevuhom mingħajr l-ebda tnaqqis anki jekk jgħixu fi Spanja.

## 9.2. Sa kemm jista' l-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġini?

Inti se tkun protett sakemm tibqa' mingħajr interruzzjoni f'sitwazzjoni li hija marbuta mar-Renju Unit u kwalunkwe Stat Membru.

Pereżempju: bħala ċittadin Pollakk, li tgħix fir-Renju Unit u taħdem hemm għal impjegatur Brittaniku waqt it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, inti tkompli tiġi kopert mill-Ftehim dwar il-Ħruġ jekk tkun għadha teżisti "rabta transfruntiera".

Din ir-"rabta transfruntiera" bejn ir-Renju Unit u l-Istat Membru tal-UE teżisti sakemm tibqa' tgħix fir-Renju Unit u taħdem hemm għal impjegatur Brittaniku.

Tista' tibqa' wkoll teżisti meta s-sitwazzjoni tiegħek tinbidel – inti protett dment li jibqa' jkollok "rabta transfruntiera" mar-Renju Unit. Għalhekk, inti xorta kopert jekk, pereżempju:

- tibqa' taħdem għall-impjegatur Brittaniku fir-Renju Unit u taċċetta impjieg addizzjonali fl-Irlanda;
- tkompli taħdem għall-impjegatur Brittaniku fir-Renju Unit, iżda tibdel ir-residenza tiegħek għall-Irlanda;
- tieqaf taħdem għal impjegatur Brittaniku u tibda taħdem fl-Irlanda, filwaqt li tibqa' tgħix fir-Renju Unit;
- il-kuntratt tax-xogħol tiegħek jintemm u tikkonkludi ieħor ma' impjegatur Irlandiż – iżda x-xogħol jibqa' jitwettaq fir-Renju Unit;
- tispiċċa bla xogħol mingħajr ma tirċievi l-benefiċċji tal-qgħad u tkompli toqgħod fir-Renju Unit;

- tispiċċa bla xogħol, tirċievi l-benefiċċji tal-qgħad u titrasferixxi dawn il-benefiċċji lejn il-Polonja fejn tipprova tfittex xogħol hemm għall-perjodu ta’ żmien permess (ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=862&langId=mt *għal aktar dettalji);*
- wara li ma jkunx irnexxielek issib xogħol il-Polonja għall-perjodu ta’ żmien permess, tiġi immedjatament lura r-Renju Unit u tkompli tfittex xogħol hemmhekk;
- meta l-kuntratt tax-xogħol tiegħek jintemm u ssir inattiv filwaqt li tistenna li tasal sal-età tal-pensjoni u tkompli tgħix fir-Renju Unit;
- tirtira fir-Renju Unit;

Madankollu, mhux se tibqa’ tkun kopert mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali kollha jekk il-kuntratt tax-xogħol tiegħek jintemm u tibdel ir-residenza tiegħek għall-Polonja *(jew kwalunkwe Stat Membru ieħor).* F’dan il-każ, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li l-perjodi ta’ assikurazzjoni tiegħek ma jintilfux. Meta tissodisfa l-kundizzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (pereżempu, tilħaq l-età tal-pensjoni), tkun tista’ titlob il-benefiċċji fuq il-bażi ta’ dawn il-perjodi fir-Renju Unit.

Kun af li jekk tkun ksibt id-dritt ta' residenza permanenti fir-Renju Unit qabel tmur lura l-Polonja (jew Stat Membru ieħor) u tmur lura r-Renju Unit qabel dak id-dritt jintilef, madankollu inti hemm xorta se tgawdi mill-protezzjoni tas-sigurtà soċjali sħiħa pprovduta bil-Ftehim dwar il-Ħruġ.

## 9.3. Jien ċittadin Franċiż, li ngħix fi Franza u naħdem fir-Renju Unit. Jien se nibqa’ kopert mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali?

Iva, dment li tibqa’ f’sitwazzjoni marbuta mar-Renju Unit *(għal iktar dettalji ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.1 dwar is-sigurtà soċjali).*

Dment li tibqa’ taħdem fir-Renju Unit, ir-Renju Unit jibqa’ responsabbli mill-kopertura tas-sigurtà soċjali tiegħek, li jfisser pereżempju:

- trid tħallas kontribuzzjonijiet **tas-sigurtà soċjali** tar-Renju Unit u b’hekk tkun intitolat għal benefiċċji tar-Renju Unit mingħajr ebda diskriminazzjoni;
- ikollok **aċċess għall-kopertura tal-kura tas-saħħa** fi Franza, fejn tirrisjedi, bl-ispiża tkun għar-Renju Unit;
- **jekk tmur għall-vaganzi fl-Unjoni Ewropea,** inti tista’ tuża l-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa Brittanika *(iżda trid tkun applikajt għall-karta tal-EHIC il-ġdida)*;

- **jekk uliedek jgħixu fi Franza** u int intitolat għall-benefiċċji tal-familja, tkompli tirċevihom mingħajr ebda tnaqqis, daqslikieku t-tfal kienu residenti miegħek fir-Renju Unit (ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=863&langId=en *għal aktar dettalji);*

- **jekk ikollok it-tfal wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni**, u tkun intitolat għal benefiċċji tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, tirċevihom anki jekk it-tfal ikunu jirrisjedu fi Franza; għal iktar dettalji dwar ir-regoli applikabbli (ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=863&langId=mt għal iktar dettalji);*

- **jekk tispiċċa bla xogħol,** tkun protett mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (għal iktar dettalji ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=862&langId=enhttp://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=862&langId=mt*);

- **meta tirtira**, inti tkun intitolat għall-pensjoni tar-Renju Unit skont il-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Renju Unit:
    - jekk ma jkollokx biżżejjed perjodi ta' assikurazzjoni biex tkun intitolat għal pensjoni fir-Renju Unit, ir-Renju Unit jikkunsidra l-perjodi li għamilt fi Stati Membri tal-UE sa fejn ikun meħtieġ;
    - inti tirċievi l-pensjoni tar-Renju Unit mingħajr ebda tnaqqis anki jekk tgħix fi Franza;
    - il-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit tkompli tiġi aġġustata 'l fuq (uprated);
    - ir-responsabbiltà għall-ħlas tal-kopertura tal-kura tas-saħħa tiegħek tkun determinata skont kwalunkwe pensjoni oħra li tirċievi u r-residenza tiegħek;

  Għad-dettalji, ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=860&langId=mt;

- **jekk is-superstiti tiegħek ikunu intitolati għal benefiċċji tas-superstiti tar-Renju Unit**, jistgħu jirċievu dawn il-benefiċċji mingħajr l-ebda tnaqqis anki jekk huma jirrisjedu fi Franza.

## 9.4. Jien ċittadin Bulgaru, li ngħix il-Bulgarija u naħdem kemm fil-Bulgarija kif ukoll fir-Renju Unit. Jien nibqa' kopert mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali?

Iva, dment li tibqa' f'sitwazzjoni marbuta mar-Renju Unit *(għal iktar dettalji ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.1 dwar is-sigurtà soċjali).*

Int kull darba tibqa' tkun soġġett għal leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali waħda biss. Din il-leġiżlazzjoni hija determinata skont ix-xogħol li twettaq u r-residenza tiegħek (għal iktar dettalji ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=851&langId=mt*).

### 9.5. Jien ċittadin Taljan, li naħdem bħala impjegat taċ-ċivil Taljan fir-Renju Unit. Jien se nibqa' kopert mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali?

Iva, dment li tibqa' f'sitwazzjoni marbuta mar-Renju Unit *(għal iktar dettalji ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.1 dwar is-sigurtà soċjali).*

L-Italja tibqa' responsabbli mill-kopertura tas-sigurtà soċjali tiegħek, (ara *http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=851&langId=mt għal aktar dettalji).*

### 9.6. Jien ċittadin Ċek, li naħdem u ngħix fir-Repubblika Ċeka. Qiegħed btala fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Xorta nkun għadni kopert mill-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa?

Iva, għall-perjodu sħiħ tal-btala. Tista' tuża l-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa fir-Renju Unit kemm jekk diġà il-kura tas-saħħa tiegħek meħtieġa hija koperta matul il-vaganza tiegħek qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni kif ukoll jekk hemm bżonn ta' kura tas-saħħa wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

### 9.7. Jien ċittadin Malti, li naħdem u ngħix Malta. Qed nippjana li mmur vaganza fir-Renju Unit. Nista' nuża l-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tiegħi?

Le. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jipprevedix l-użu tal-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa għall-vaganzi futuri fir-Renju Unit.

### 9.8. Jien ċittadin Taljan li ili nistudja fir-Renju Unit sa mill-2019. Nista' nuża l-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea anki jekk il-perjodu ta' studji tiegħi jmur lil hinn mit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni?

Iva, inti tista' tuża l-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa dment li s-soġġorn tiegħek fir-Renju Unit ma jkunx interrott. Żjarat temporanji lejn l-Italja (bħal vaganzi) ma jinterrompux is-soġġorn tiegħek bħala student fir-Renju Unit.

### 9.9. Jien ċittadin Kroat, li naħdem u ngħix fil-Kroazja. Bdejt kors ta' trattament speċjali tal-kura tas-saħħa fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Nista' nkompli nirċievi t-trattament tiegħi wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni?

Iva. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li l-persuni li diġà talbu awtorizzazzjoni biex jirċievu trattament tal-kura tas-saħħa ppjanat fir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jkomplu t-trattament.

### 9.10. Jien Spanjol u naħdem fir-Renju Unit. Dalwaqt nilħaq l-età tal-irtirar. X'se jiġri mid-drittijiet tal-pensjoni Spanjoli u tar-Renju Unit tiegħi?

Xejn mhu se jiġri mill-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit u Spanja u kollox se jibqa' kif inhu issa. Inti tkun intitolat għall-pensjoni tiegħek bil-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-perjodi li twettqu fl-Istati Membri tal-UE sakemm ikun neċessarju. L-ammont ikun ikkalkulat skont l-istess regoli u skont is-sitwazzjoni u r-regoli applikabbli tal-UE, jista' anki jkollok il-pensjoni tiegħek ittrasferita u aġġustata 'l fuq jekk tiddeċiedi li toqgħod fi Spanja jew f'xi Stat Membru ieħor tal-UE.

### 9.11. Jien irtirajt u issa nirċievi pensjoni kemm mir-Renju Unit kif ukoll mis-Slovenja fejn kont naħdem qabel. Issa x'jiġri mill pensjoni tiegħi?

Xejn mhu se jiġri mill-pensjoni tiegħek. Inti tkompli tirċievi pensjoni kemm mir-Renju Unit kif ukoll mis-Slovenja kif kont tirċievi qabel. Il-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit tkompli tiġi aġġustata 'l fuq bħal qabel.

### 9.12. Fil-passat, ħdimt għal 12-il sena fir-Renju Unit. Mort ngħix pajjiż ieħor u issa qed naħdem l-Awstrija. Ladarba nirtira (madwar l-2035), x'se jiġri bil-perjodi ta' xogħol – u assikurazzjoni - fir-Renju Unit u l-Awstrija?

Il-perjodi tax-xogħol tiegħek jibqgħu jgħoddu u ladarba tirtira, tirċievi l-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit *(jew, aħjar minn hekk, il-parti tagħha li tikkorrispondi għat-12-il sena ta' impjieg)* u l-pensjoni Awstrijaka tiegħek *(il-parti li tikkorrispondi għan-numru ta' snin li se tkun ħdimt fl-Awstrija)* bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw attwalment fl-UE.

## 9.13. Ħdimt għal ħajti kollha fir-Renju Unit u issa rtirajt Franza. Qed inħossni inkwetat li l-pensjoni tiegħi tar-Renju Unit mhux se tiġi aġġustata 'l fuq.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħmilha ċara li l-benefiċċji kollha tas-sigurtà soċjali, bħall-pensjoni tal-irtirar, ikomplu jiġu aġġustati 'l fuq f'konformità mar-regoli nazzjonali, anki jekk il-pensjonant jirrisjedi fi Stat Membru tal-UE u mhux fir-Renju Unit.

## 9.14. F'każ li niddeċiedi li nitlaq mir-Renju Unit fil-futur, inkun nista' nieħu l-benefiċċji tiegħi tas-sigurtà soċjali miegħi?

Jekk inti protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali rilevanti kollha jibqgħu jkunu trasferibbli kemm lejn l-Istati tal-UE kif ukoll lejn ir-Renju Unit, bl-istess kundizzjonijiet bħal fir-regoli tal-UE.

## 9.15. Wara li ħdimt għal ħajti kollha fil-Belġju, irtirajt biex ngħix fir-Renju Unit. qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni stajt nikkura saħħti fi sptar lokali mingħajr l-ebda inkonvenjent. Dan inbidel?

Mhu se jkun hemm l-ebda bidla wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Belġju jkompli jirrimborża l-ispejjeż futuri tal-kura tas-saħħa tiegħek fir-Renju Unit, kif għamel fil-passat.

## 9.16. Jien ċittadin Finlandiż li naħdem u nirrisjedi fil-Finlandja. Madankollu, il-mara u t-tfal jirrisjedu fir-Renju Unit. Bħala membri tal-familja tiegħi, kienu intitolati għall-kura tas-saħħa, bl-ispiża tkun għall-Finlandja, u jien irċevejt il-benefiċċji tal-familja mill-Finlandja qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan inbidel?

Dment li dawn id-drittijiet diġà kienu jeżistu fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ma nbidel xejn. Il-membri tal-familja tiegħek ikomplu jirċievu l-kura tas-saħħa fir-Renju Unit bl-ispiża tkun għall-Finlandja, u inti tkompli tirċievi l-benefiċċji tal-familja mill-Finlandja anki jekk uliedek jirrisjedu fir-Renju Unit.

## 9.17. Jien ħaddiem Ġermaniż u l-impjegatur Ġermaniż tiegħi bagħatni naħdem mir-Renju Unit fl-2019. Għadni assikurat fil-Ġermanja u d-dokument portabbli A1 tiegħi ma jiskadix qabel Settembru 2021. Dan ifisser li fl-2021 jibqa' validu?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jkoprix l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas tal-għoti ta' servizzi. Mingħajr preġudizzju għal ftehim futur mar-Renju Unit dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-

sigurtà soċjali, dan ifisser li mill-1 ta' Jannar 2021 m'għadx hemm il-bażi legali għal dawn l-istazzjonamenti bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit, u d-dokument portabbli A1 tiegħek ma jibqax validu.

Dan japplika biss għad-dokumenti portabbli A1 li ġew maħruġa fil-kuntest ta' stazzjonament għall-għoti ta' servizz. Id-dokumenti portabbli A1 maħruġa għal raġunijiet oħra, pereżempju lil persuna li qed tagħmel kors ta' taħriġ fir-Renju Unit jew lil persuni li jaħdmu fir-Renju Unit u fi Stat Membru fl-istess ħin, jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2021.

### 9.18. Jien naħdem għal rasi u naħdem kemm fir-Renju Unit u kemm fi Franza. Ngħix fi Franza iżda assikurat fir-Renju Unit. Għandi dokument portabbli A1 maħruġ mir-Renju Unit kif ukoll dokument portabbli S1 li nuża biex ikolli aċċess għall-kura tas-saħħa fi Franza bl-ispiża li tkun għar-Renju Unit. Dawn id-dokumenti se jibqgħu validi, u nista' nġeddidhom meta jiskadu?

Billi tinsab f'sitwazzjoni transfruntiera li tinvolvi lir-Renju Unit u lil Stat Membru, int protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Ir-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jkomplu japplikaw għalik u dawn id-dokumenti jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru 2020. Dan jinkludi d-dokument portabbli A1 tiegħek billi ma nħariġx fil-kuntest ta' stazzjonament għall-għoti ta' servizz. Sakemm tkun f'din is-sitwazzjoni transfruntiera, id-dokumenti tiegħek jistgħu jiġġeddu skont l-istess regoli li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2021.

### 9.19. Il-ġenituri tiegħi huma ċittadini Olandiżi li marru jgħixu fir-Renju Unit fl-1990, u issa għandhom *status* ta' residenza ġdid permezz tal-iskema għall-kisba tal-*istatus* ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE. Twelidt fir-Renju Unit 19-il sena ilu (allura jien ċittadin Olandiż/Ingliż b'ċittadinanza doppja mit-twelid) u għext fir-Renju Unit ħajti kollha. Bdejt xogħol sentejn ilu Il-ġenituri tiegħi qed jikkunsidraw li jmorru lura n-Netherlands fil-futur. F'każ li niddeċiedi li mmur ukoll in-Netherlands, nkun nista' nieħu miegħi l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tiegħi?

Anki jekk għandek ċittadinanza doppja, qattajt ħajtek kollha fir-Renju Unit u ma eżerċitajtx id-dritt tiegħek għall-moviment liberu qabel l-1 ta' Jannar 2021. Għaldaqstant, m'intix protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan ifisser li jekk tiċċaqlaq lejn in-Netherlands, ma tkunx tista' tieħu d-drittijiet miksuba tiegħek tas-sigurtà soċjali fuq il-bażi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal ftehim futur mar-Renju Unit dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

## 10. Links utli

***Il-Ftehim dwar il-Ħruġ***

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02020W/TXT-20200613

***It-Trattati tal-UE***

https://eur-lex.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2012/oj

***Nota ta' gwida tal-UE rigward il-parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li tirrigwarda d-drittijiet taċ-ċittadini***

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020XC0520(05)

***Pariri dwar id-drittijiet fir-Renju Unit***

https://europa.eu/youreurope/citizens/residence/brexit-residence-rights/eu-nationals-living-in-uk/index_en.htm

Fuljett dwar Dak li għandek bżonn tkun taf bħala ċittadin tal-UE li qed tgħix fir-Renju Unit

Fuljett dwar X'għandek tkun taf bħala ċittadin anzjan tal-UE li tgħix fir-Renju Unit

Fuljett dwar X'għandek bżonn tkun taf bħala ċittadin li mhuwiex mill-UE li qed jgħix fir-Renju Unit jekk għandek, jew kellek, rabta tal-familja ma' ċittadin tal-UE

https://www.gov.uk/government/publications/social-security-arrangements-between-the-uk-and-the-eu-from-1-january-2021-staff-guide

***Regoli attwali tal-UE dwar il-formalitajiet ta' residenza għal ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom***

https://europa.eu/youreurope/citizens/residence/documents-formalities/eu-family-members-registration/index_mt.htm

https://europa.eu/youreurope/citizens/residence/documents-formalities/non-eu-family-members-residence-card/index_mt.htm

*Id-Direttiva 2004/38/KE ("id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu")*

https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2004/38/

*Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011*

https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2011/492/

***Regoli attwali tal-UE dwar il-libertà tal-moviment għall-professjonisti***

https://europa.eu/youreurope/citizens/work/professional-qualifications/index_mt.htm

https://ec.europa.eu/growth/single-market/services/free-movement-professionals_mt

*Id-Direttiva 2005/36/KE ("id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali")*

https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2005/36/

***Regoli attwali tal-UE dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali***

https://europa.eu/youreurope/citizens/health

https://europa.eu/youreurope/citizens/work/index_mt.htm

http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=849

*Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004*

https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2004/883/

*Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009*

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/987/2018-01-01